



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/884 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar il-miżura ta' għajnuna SA.32874 (2012/C) [ex SA.32874 (2011/NN)] implementata mid-Danimarka (notifikata bid-dokument C(2017) 4461)⁽¹⁾** 1

Rettifika

- ★ **Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/726 tat-2 ta' Mejju 2018 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/1/2018) (ĠU L 122, 17.5.2018)** 27

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/884

tas-16 ta' Ottubru 2017

dwar il-miżura ta' għajnuna SA.32874 (2012/C) [ex SA.32874 (2011/NN)] implementata mid-Danimarka

(notifikata bid-dokument C(2017) 4461)

(It-test bid-Daniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu ⁽¹⁾,

Wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom skont dak l-Artikolu, u wara li ġew ikkunsidrati dawk il-kummenti,

Billi:

I. PROCÉDURA

- (1) Ir-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka għall-Unjoni Ewropea bagħtet lill-Kummissjoni permezz ta' email datata s-17 ta' Marzu 2011, prenotifika ta' din il-miżura (tnaqqis fit-taxxa fuq il-protezzjoni tal-ilma tax-xorb u eżenzjoni mill-istess taxxa).
- (2) Matul l-eżami ta' din il-prenotifika, fis-27 ta' April 2011 il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Daniżi aktar informazzjoni.
- (3) L-awtoritajiet Daniżi ressqu b'email datata s-16 ta' Settembru 2011 l-informazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni kienet talbet fis-27 ta' April 2011.
- (4) Wara li waslet din l-informazzjoni, fit-3 ta' Ottubru u fl-10 ta' Novembru 2011 saru żewġ laqgħat tekniċi bejn l-awtoritajiet Daniżi u l-Kummissjoni. Barra l-laqgħa li saret fl-10 ta' Novembru 2011, l-awtoritajiet Daniżi ressqu xi informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni.
- (5) Wara l-laqgħa tal-10 ta' Novembru 2011, ir-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka għall-Unjoni Ewropea kkomunikat permezz ta' email datata s-17 ta' Novembru 2011, li l-prenotifika tal-miżura ġiet irtirata.

⁽¹⁾ B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). fis-sustanza, iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, fejn hu xieraq, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE jeħtieġ li jinftehemu bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88, rispettivament, tat-Trattat tal-KE. It-TFUE introduċa wkoll ċerti bidliet fit-terminoloġija, bħas-sostituzzjoni ta' "Komunità" b"Unjoni", ta' "suq komuni" b"suq intern" u ta' "Qorti tal-Prim'Istanza" b"Qorti Ġenerali". Tul din id-Deċiżjoni kollha se tintuża t-terminoloġija tat-TFUE.

- (6) Il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet Daniżi b'fax datata l-14 ta' Diċembru 2011 li kienet irregiſtrat l-għajnuna bħala għajnuna mill-Istat mhux notifikata skont il-każ SA.32874 (2011/NN), peress li t-taxxa kienet diġà ġiet introdotta qabel il-prenotifika u mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.
- (7) Permezz ta' email datata s-27 ta' Diċembru 2011, ir-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka għall-Unjoni Ewropea baġtet lill-Kummissjoni ittra mingħand l-awtoritajiet Daniżi li tiddikjara li l-iskema fiskali kienet se tintemm fil-31 ta' Diċembru 2011 u kienet se tinbidel b'żieda fir-rati ġenerali tal-ilma, li kienet diġà ġiet eżaminata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-każ dwar l-għajnuna NN 1/2005 ⁽²⁾.
- (8) Il-Kummissjoni infurmat lid-Danimarka b'ittra datata t-22 ta' Marzu 2012 ⁽³⁾ bid-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Marzu 2012 li kienet se tniedi l-proċedura stipulata fl-Artikoli 108(2) tat-TFUE fir-rigward tal-miżura ("il-proċedura ta' eżami"). Il-Kummissjoni tat lill-awtoritajiet Daniżi skadenza ta' xahar biex jagħmlu l-kummenti tagħhom f'dan il-kuntest.
- (9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ta' eżami ("id-deċiżjoni tal-ftuħ") ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura.
- (10) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand waħda mill-partijiet interessati (il-Kunsill Daniż tal-Agrikoltura u l-Ikel, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-parti interessata"). Il-Kummissjoni għaddiet dawn il-kummenti lill-awtoritajiet Daniżi, li ngħataw l-opportunità li jwieġbu.
- (11) Permezz ta' email datata s-16 ta' Mejju 2012, ir-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka għall-Unjoni Ewropea baġtet lill-Kummissjoni ittra mingħand l-awtoritajiet Daniżi li fiha talbu li d-data ta' skadenza biex jitressqu l-kummenti tiġi estiża għall-11 ta' Ġunju 2012. L-estensjoni tad-data ta' skadenza ngħatat f'messaġġ mibgħut bil-fax datat l-24 ta' Mejju 2012.
- (12) Permezz ta' email datata t-12 ta' Ġunju 2012, ir-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka għall-Unjoni Ewropea baġtet lill-Kummissjoni l-kummenti tal-awtoritajiet Daniżi dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ.
- (13) Ir-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka għall-Unjoni Ewropea baġtet lill-Kummissjoni permezz ta' email datata t-2 ta' Lulju 2012, il-kummenti tal-awtoritajiet Daniżi dwar il-kummenti tal-parti interessata.
- (14) Il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Daniżi fittra datata l-10 ta' Settembru 2013 aktar informazzjoni rigward il-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ.
- (15) L-awtoritajiet Daniżi ressqu l-informazzjoni rilevanti b'email datata s-7 ta' Novembru 2013. B'risposta għall-ittra mill-Kummissjoni datata l-10 ta' Novembru 2015, l-awtoritajiet baġtu informazzjoni addizzjonali ġdida b'email datata d-19 ta' April 2016.

II. DESKRIZZJONI

- (16) Fis-27 ta' Diċembru 2008 il-Folketinget (il-Parlament Daniż) għadda liġi li tistabbilixxi taxxa fuq il-permessi biex jiġi estratt l-ilma ta' taħt l-art bil-għan li jintużaw il-fondi miġbura biex jiġu ffinanzjati l-istħarriġ u l-ippjanar tar-rispons għal żoni li huma importanti b'mod partikolari għall-provvista tal-ilma tax-xorb. Il-liġi ġiet inkorporata fil-Kapitolu 4a (it-Taqsima 24) tal-Att ta' Konsolidament Nru 935 tas-24 ta' Settembru 2009.
- (17) Din it-taxxa, li ġiet ikkalkulata abbażi tal-volum ta' ilma li seta' jiġi estratt kull sena fil-qafas tal-permess, ammontat għal DKK 0,305 (madwar EUR 0,04) kull m³ fl-2009, DKK 0,315 fl-2010 u DKK 0,310 fl-2011.

⁽²⁾ Il-konklużjoni tal-Kummissjoni f'dan il-każ kienet li l-iskema fiskali ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

⁽³⁾ Ittra SG-Greffe (2012) D/5011.

⁽⁴⁾ ĠU C 114, 19.4.2012, p. 4.

- (18) L-iskema fiskali kienet oriġinarjament intenzjonata li ddum sal-2017, u skont it-Taqsima 24a tal-Att ta' Konsolidament, it-taxxa kollha kellha tinġabar mis-sidien tas-sistemi ta' utilità pubblika ⁽⁵⁾. Id-detenturi tal-permessi ta' estrazzjoni mill-faċilitajiet tagħhom stess kienu ser iħallsu biss terz tat-taxxa, ikkalkulata abbażi tal-volum tal-estraxxjoni permissibbli kull sena. Jekk dan il-permess kien validu għal volum ta' aktar minn 25 000 m³, skont it-Taqsima 24b, is-sid kien iħallas terz tat-taxxa fuq 25 000 m³. Skont it-Taqsima 24c, id-detenturi tal-permessi ta' estraxxjoni għal massimu ta' 6 000 m³ fis-sena kienu kompletament eżentati mit-taxxa.
- (19) Skont l-informazzjoni disponibbli, fid-Danimarka nħarġu 85 000 permess privat ta' estraxxjoni. Il-maġġoranza l-kbira ta' dawn jikkonċernaw is-settur agrikolu. L-għadd ta' permessi għal massimu ta' 6 000 m³ hu stmat għal 75 000. L-awtoritajiet Daniżi ma jistgħux jiggarrantixxu li l-intrapriżi agrikoli kollha għandhom permessi privati ta' estraxxjoni u għalhekk mhumiex dipendenti fuq l-utilitajiet pubbliċi, iżda jirrimarkaw li daww l-azjendi agrikoli li għandhom il-possibbiltà li jikkollegaw ma' sistema pubblika ta' provvista tal-ilma ġeneralment ikollhom permess ta' estraxxjoni u jużaw is-sistema pubblika biss għall-bżonnijiet tad-dar.
- (20) Skont iċ-ċifri għall-2009 tal-awtoritajiet Daniżi, 12 275 detentur tal-permess kisbu tnaqqis fit-taxxa ekwivalenti għal medja ta' EUR 1 080 kull sena għall-permessi ta' estraxxjoni fuq medja ta' 35 500 m³ ta' ilma. Iċ-ċifri għall-2009–2011 juru li 1 091 intrapriża agrikola kisbu tnaqqis fit-taxxa li jaqbeż il-limitu massimu *de minimis*. L-awtoritajiet Daniżi indikaw li 106 detenturi tal-permessi huma reġistrati bħala intrapriżi tal-ipproċessar tal-ikel.

III. RAĠUNIJET LI WASSLU GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' EŻAMI

- (21) Il-Kummissjoni inizzjat proċedura ta' eżami għar-raġunijiet li ġejjin:
- meta kienet qed teżamina l-kawża, il-Kummissjoni ddeterminat li l-miżura rilevanti kienet tidher li tikkostitwixxi direttament għajjnuna mill-Istat, ladarba din ingħatat mill-Istat (li rrinunzja dħul billi kkonċeda tnaqqis fit-taxxa jew eżenzjoni minnha), kienet tiffavorixxi lil ċerti impriżi (f'dan il-każ, l-aktar lill-impriżi agrikoli b'permessi għal estraxxjoni privata li ngħataw ħelsien mill-piż finanzjarju tagħhom, inklużi b'mod partikolari daww li kellhom vantaġġ ta' eżenzjoni aktar milli ta' tnaqqis), kellha l-potenzjal li taffettwa l-kummerċ u kienet thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni;
 - l-istqarrija tal-awtoritajiet Daniżi ma tatx lok għall-possibbiltà li jiġi ddeterminat jekk ir-regolamenti *de minimis* dwar il-produzzjoni primarja (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2007 ⁽⁶⁾) u l-ipproċessar/il-kummerċjalizzazzjoni (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 ⁽⁷⁾), rispettivament, tal-prodotti agrikoli kinux applikabbli jew jekk id-diversi livelli ta' taxxa kinux iġġustifikati bil-loġika inerenti tas-sistema fiskali;
 - l-element ta' għajjnuna li ma kienx skont id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent ⁽⁸⁾ (EEAG) kif imsemmi fil-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajjnuniet mill-Istat fis-settur agrikolu u forestali 2007–2013 ⁽⁹⁾, jew id-dispożizzjonijiet tal-Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajjnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali ⁽¹⁰⁾ (il-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet) kif imsemmi mill-awtoritajiet Daniżi.

IV. IL-KUMMENTI TAL-AWTORITAJIET DANIŻI

- (22) Fl-email tagħhom tat-12 ta' Ġunju 2012, l-awtoritajiet Daniżi baġhtu deskrizzjoni dettaljata ġdida tal-miżura u l-kuntest tagħha, flimkien mal-analiżi tagħhom stess ta' din il-miżura. L-argument inizzjali tal-analiżi, mogħti hawn taħt, hu li l-miżura ma tikkostitwix għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, parzjalment għaliex mhix selettiva u parzjalment għaliex tista' tiġi ġġustifikata min-natura u mill-iskema ġenerali tas-sistema fiskali Daniża. Intqal ukoll li anke jekk il-miżura kellha tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, din hija kompatibbli mas-suq intern. Fl-aħħar nett, qed jiġi argumentat li anke jekk il-Kummissjoni kellha ssib li xi għajjnuna mill-Istat ma kinitx kompatibbli mas-suq intern, hemm diversi fatturi li jindikaw li l-għajjnuna ma għandhiex għalfejn tiġi rkuprata.

⁽⁵⁾ "Sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma" tirreferi għal sistemi pubbliċi jew privati li jipprovdu l-ilma tax-xorb lil mhux anqas minn għaxar proprjetajiet.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajjnuniet *de minimis* fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 35).

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajjnuna *de minimis* (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5).

⁽⁸⁾ ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1.

⁽⁹⁾ ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 16, 22.1.2009, p. 1. Fl-2009 dan il-qafas ġie estiż biex japplika wkoll għall-produzzjoni agrikola primarja (ĠU C 261, 31.10.2009, p. 2) u mbaġħad ġie estiż sa tmiem l-2011 fis-setturi kollha fejn hu applikabbli (ĠU C 6, 11.1.2011, p. 5).

L-ebda Għajnuna mill-Istat

- (23) L-awtoritajiet Daniżi ma jaqblux mal-Kummissjoni li l-miżura tissodisfa l-kriterji kollha ta' għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 107(1) tat-TFUE. B'mod speċifiku, huma tal-opinjoni li t-taxxa miġbura skont it-Taqsima 24b tal-Att ta' Konsolidament (ara l-premessa 18) ma kinitx tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti. F'dak li jirrigwarda l-eżenzjoni mit-taxxa fit-Taqsima 24c, l-awtoritajiet jiddikjaraw li anki li kieku kienet tikkostitwixxi vantaġġ selettiv, dan il-vantaġġ kien ikun tant limitat li ma jistax iwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (24) Sabiex isostnu l-ewwel argument li t-taxxa ma tiffavorixx lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, l-awtoritajiet Daniżi jirreferu għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li minnha jirriżulta, l-ewwel nett, li jrid jiġi eżaminat "jekk, fil-kuntest ta' sistema legali partikolari, dik il-miżura [tal-Istat] tikkostitwixx vantaġġ għal ċerti impriżi meta mqabbla ma' oħrajn li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli" ⁽¹⁾, u, it-tieni nett, li t-taxxi u t-tnaqqis li jintroduċu differenzazzjoni bejn l-impriżi u li huma, għaldaqstant, prima facie selettivi, ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat jekk din id-differenzazzjoni hija minħabba n-natura u l-istruttura ġenerali tas-sistema tat-taxxa ⁽²⁾. L-awtoritajiet Daniżi jiddikjaraw, abbażi wkoll tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ewwel għandu jiġi stabbilit liema sistema ta' normi jew sistema ta' referenza għandha tkun il-bażi għall-eżami tan-natura selettiva ta' miżura, u li wara għandu jiġi eżaminat jekk ċerti impriżi koperti bis-sistema ta' referenza jiksbox vantaġġ fuq impriżi oħrajn koperti mill-istess sistema.
- (25) Għalhekk, meta tittieħed din il-ġurisprudenza bħala bażi, l-awtoritajiet Daniżi jsostnu li l-Kummissjoni ma tatx raġunament dettaljat fil-premessa 15 tad-deċiżjoni tal-ftuħ, u sempliċement iddikjarat li l-miżura ffavoriet lil ċerti impriżi (intrapriżi agrikoli b'permessi privati ta' estrazzjoni li jittaffilhom il-piż finanzjarju normalment applikabbli, inklużi dawk l-intrapriżi li rċewew eżenzjoni minflok tnaqqis); u li l-Kummissjoni għalhekk tidher li temmen li t-taxxa fit-Taqsima 24a — it-taxxa imposta fuq is-sidien ta' sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma — issawwar is-sistema ta' referenza għas-sidien l-oħra kollha ta' sistemi ta' estrazzjoni tal-ilma, u li dawn tal-aħħar huma f'sitwazzjoni fattwali u legali li tikkorrispondu għal dik ta' dawk ta' qabel u għal dik tal-intrapriżi kollegati ma' sistema ta' utilità pubblika; dan ifisser li l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis fit-Taqsima 24b jikkostitwixxu vantaġġ selettiv.
- (26) L-awtoritajiet Daniżi ma jaqblux mal-Kummissjoni fuq dan il-punt. Huma jgħidu li t-taxxa skont it-Taqsima 24a ma tistax titqies bħala sistema ta' referenza sempliċement għaliex hija ogħla mit-taxxi fit-Taqsimiet 24b u 24c. Barra minn hekk, l-għadd ta' sidien ta' sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma li huma soġġetti għat-taxxa fit-Taqsima 24a huwa ħafna iżgħar mill-għadd ta' sidien ta' sistemi ta' estrazzjoni tal-ilma li huma soġġetti għat-taxxa fit-Taqsima 24b. Skont l-awtoritajiet Daniżi, inħolqu żewġ sistemi ta' referenza mal-introduzzjoni tal-iskema fiskali fl-2009: sistema sui generis għas-sidien ta' sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma (u indirettament għall-intrapriżi li huma intitolati li jużaw l-ilma minn dawn is-sistemi) u sistema li tapplika għas-sidien l-oħra kollha tas-sistemi għall-estraxxjoni tal-ilma ta' taħt l-art.
- (27) Skont l-awtoritajiet Daniżi, il-koeżistenza ta' żewġ sistemi ta' referenza tfisser li s-sitwazzjoni legali tal-intrapriżi li jħallsu t-taxxa skont it-Taqsima 24a ma tikkorrispondix għas-sitwazzjoni legali tal-intrapriżi li jħallsu t-taxxa skont it-Taqsima 24b jew li jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-taxxa skont it-Taqsima 24c, għar-raġunijiet li ġejjin:
- is-sidien ta' sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma, għall-kuntrarju ta' oħrajn, huma meħtieġa li jipprovdu l-ilma tax-xorb u jistgħu jgħaddu din it-taxxa fuq il-prezz li jħallsu l-utenti;
 - l-utenti u l-intrapriżi li jinsabu f'żona tal-provvista tas-sistema pubblika ma jistgħux jibdlu l-fornituri;
 - is-sidien ta' sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma mhumix impriżi, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddefinixxi impriża bħala kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika (jiġifieri, li toffri oġġetti jew servizzi), irrispettivament mill-forma jew l-istatus legali tagħha. Peress li l-kumpaniji tal-utilità ma jistgħux jespandu l-bażi tal-klijenti tagħhom, minħabba li l-konsumaturi ma jistgħux jibdlu l-fornituri, m'hemm l-ebda suq kompetittiv;

⁽¹⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tielet Awla) tat-22 ta' Diċembru 2008, *British Aggregates Association vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u r-Renju Unit*, il-Kawża C-487/06 P, ECLI:EU:C:2008:757, il-paragrafu 82.

⁽²⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) tat-8 ta' Novembru 2001, *Adria-Wien Pipeline GmbH u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke GmbH vs Finanzlandesdirektion für Kärnten*, il-Kawża C-143/99, ECLI:EU:C:2001:598, il-paragrafu 42; u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tielet Awla) tat-8 ta' Settembru 2011, *Il-Kummissjoni Ewropea vs ir-Renju tal-Olanda*, il-Kawża C-279/08,, ECLI:EU:C:2011:551, il-paragrafu 62.

- f'dan il-kuntest, persuni taxxabbli fit-Taqsamiet 24b u 24c ma jitqisux li jkunu kisbu vantaġġ meta mqabbla ma' dawk li kienu persuni taxxabbli skont it-Taqsima 24a, peress li dawn tal-aħħar mhumiex intrapriżi;
 - dawk l-intrapriżi li jirċievu l-ilma mis-sistema ta' provvista pubblika tal-ilma jħallsu t-taxxi b'mod indirett (ara l-ewwel paragrafu) u huma intaxxati abbażi tal-konsum reali tal-ilma tagħhom, għall-kuntrarju ta' dawk l-intrapriżi li jtellgħu l-ilma huma stess u huma intaxxati abbażi tal-volum ta' estrazzjoni permissibbli mingħajr ma jitqies il-konsum reali tagħhom;
 - is-sidien tas-sistemi privati ta' estrazzjoni tal-ilma għandhom kontinwament jitolbu l-permessi ta' estrazzjoni, peress li l-permess hu validu għal bejn 10 snin u 15-il sena (15-il sena fil-każ tal-ilma għall-irrigazzjoni), li jista' jirriżulta ftassazzjoni eċċessiva billi t-taxxa tiġi kkalkulata, bħala punt ta' tluq, skont l-użu tal-volum tal-ilma li jista' jittella' aktar milli bil-volum li fil-fatt jiġi kkunsmat;
 - minħabba li l-bażi għat-tassazzjoni hija differenti għas-sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma u għas-sistemi privati tal-estraxxjoni tal-ilma, jista' jkun il-każ li t-taxxa aktar baxxa mħallsa mill-intrapriżi li jtellgħu l-ilma privatament ma tagħtihomx vantaġġ ekonomiku, pereżempju jekk il-volum ta' xita matul is-sena jnaqqas il-bżonn ta' irrigazzjoni, li jfisser li l-konsum tal-ilma huwa inqas mill-volum indikat fil-permess u li fuqu jkunu tħallsu t-taxxi. Skont id-dejta mill-bażi tad-dejta Jupiter, li hija amministrata mill-GEUS (Stħarriġ Ġeoloġiku tad-Danimarka u l-Greenland), fil-perjodu 2009–2011, l-azjendi agrikoli użaw 34 % biss tal-volum li għalih kienu ngħataw il-permessi ta' estrazzjoni, filwaqt li l-intrapriżi tal-ipproċessar tal-ikel użaw 48 % (madankollu, dan l-għadd huwa soġġett għal ċertu ammont ta' inċertezza, peress li l-produtturi primarji mhumiex meħtieġa li jkejlu l-volum eżatt tal-ilma estratt);
 - dawk l-intrapriżi lokalizzati f'żona fornita minn sistema pubblika tal-provvista tal-ilma huma intitolati li jikkollegaw magħha; filwaqt li intrapriżi li jinsabu l-barra minn żona bħal din huma intitolati li jistabbilixxu s-sistema ta' estraxxjoni għall-ilma tagħhom stess, l-ispejjeż relatati mal-istabbiliment u t-tħaddim tas-sistema, kif ukoll kwalunkwe trattament tal-ilma, huma r-responsabbiltà ta' dawn l-intrapriżi, u l-istess jgħodd għall-ispejjeż marbutin mal-kontroll tal-kwalità li l-municipalitá tista' tirrikjedi.
- (28) L-awtoritajiet Daniżi jisħqu wkoll li s-sitwazzjoni fattwali tal-intrapriżi li huma taxxabbli skont it-Taqsima 24a ma tikkorrispondix għas-sitwazzjoni fattwali tal-intrapriżi li huma taxxabbli skont it-Taqsima 24b jew li jibbenefikaw mill-eżenzjoni mit-taxxa skont it-Taqsima 24c, għar-raġunijiet li ġejjin:
- l-azjendi agrikoli li jtellgħu l-ilma tagħhom stess ma jikkompetux direttament mal-intrapriżi li huma kollegati ma' sistema pubblika tal-provvista tal-ilma. Il-lok tagħhom ifisser li kważi kollha kemm huma jipposedu s-sistema ta' estraxxjoni tal-ilma proprja tagħhom, u anki jekk xi wħud minnhom jistgħu jiġu kollegati ma' sistema pubblika ta' provvista tal-ilma, dawk l-intrapriżi li jużaw volumi kbar ta' ilma għandhom permess privat supplimentari ta' estraxxjoni, u għalhekk l-ilma tax-xorb li ġej mill-provvista pubblika tal-ilma jintuża biss għall-użu tad-dar;
 - ħafna azjendi u intrapriżi għandhom permess ta' estraxxjoni tal-ilma tal-wiċċ u, bħala tali, mhumiex soġġetti għat-taxxa fuq l-estraxxjoni tal-ilma ta' taħt l-art⁽¹⁾. L-introduzzjoni ta' taxxa aktar baxxa għall-azjendi agrikoli li jtellgħu l-ilma ta' taħt l-art iġġib fix-xejn id-differenzi bejn l-intrapriżi li jtellgħu l-ilma ta' taħt l-art u dawk li jtellgħu l-ilma tal-wiċċ, u għalhekk mhumiex soġġetti għat-taxxa;
 - il-kwalità tal-ilma tvarja skont jekk intrapriża hix kollegata ma' sistema pubblika ta' provvista tal-ilma jew għandhiex permess privat għall-estraxxjoni. Is-sistema pubblika hija meħtieġa tforni ilma nadif u tajjeb għax-xorb, iżda l-ammonti ta' pestiċidi, nitrati u batterji fl-ilma minn sistemi privati spiss jaqbżu l-limiti massimi, u għalhekk ħafna drabi, id-detenturi ta' permessi privati jkollhom jinvestu DKK 10 000–50 000 biex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali għall-ilma tajjeb għax-xorb.
- (29) L-awtoritajiet Daniżi jistqarru li l-iskema Daniża tat-taxxa ma tagħmilx distinzjoni bejn intrapriżi f'setturi differenti li jinsabu fl-istess sitwazzjoni, iżda tabilħaqq tidistingwi bejn intrapriżi li huma sidien ta' sistema ta' estraxxjoni tal-ilma u dawk li mhumiex. L-iskema fiskali Daniża ma tagħmilx distinzjoni bejn proċessi potenzjalment sostitwibbli jew prodotti mqiegħda fsuq kompetittiv, peress li l-ilma estratt ma tqegħidx imbagħad fis-suq. Il-fatt li l-produtturi primarji, abbażi ta' fejn jinsabu, ma jistgħux jagħżlu liberament bejn estraxxjoni privata u kollegament ma' sistema ta' utilità pubblika, tfisser ukoll li la hemm ambjent potenzjalment kompetittiv u lanqas il-possibbiltà ta' sostituzzjoni bejn l-ilma estratt ta' taħt l-art għall-irrigazzjoni u l-ilma għax-xorb fornut mis-sistema ta' utilità pubblika lill-intrapriżi u liċ-ċittadini.

⁽¹⁾ Il-volum massimu tal-ilma tal-wiċċ li jista' jiġi estratt kull sena huwa ta' madwar 188 miljun m³, li minnu 13-il miljun m³ jistgħu jintużaw għall-produzzjoni primarja (madwar 500 azjenda agrikola), li l-aktar li jintuża hu għall-irrigazzjoni. L-akbar permess mil-lat ta' irrigazzjoni kien għal 270 000 m³ fis-sena fil-perjodu 2009-2011, u l-ikbar mil-lat ta' trobbija tal-bhejjem kien għal 511 000 m² fis-sena.

- (30) Għalhekk, fil-fehma tal-awtoritajiet Daniżi, jista' jiġi konkluż li t-taxxa imposta fuq is-sidien tas-sistemi pubbliċi ta' utilità ma tikkostitwix vantaġġ selettiv lill-intrapriżi li jkunu intitolati li jtellgħu l-ilma tagħhom billi, filwaqt li jinżamm kont tal-għan maħsub tat-taxxa (il-ħarsien tal-ilma tax-xorb), ma kien hemm l-ebda intrapriżi jew azjendi oħrajn li kienu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli jew li saret diskriminazzjoni kontribom.
- (31) Fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-intrapriżi li huma taxxabbli skont it-Taqsima 24b u dawk li huma eżentati mit-taxxa skont it-Taqsima 24c, l-awtoritajiet Daniżi jirrikonoxxu li dawk l-intrapriżi li huma involuti f'attività ekonomika u li bbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa gawdew minn vantaġġ kompetittiv meta mqabbla mal-kompetituri li jħallsu t-taxxa skont it-Taqsima 24b. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet Daniżi jgħidu li din is-selettività tapplika biss fir-rigward ta' dawn il-kompetituri, u la tapplika fir-rigward tal-intrapriżi li kienu intaxxati direttament skont it-Taqsima 24a u lanqas fir-rigward tal-intrapriżi li kienu indirettament intaxxati permezz tal-kontijiet tal-ilma tagħhom minn sistema ta' utilità pubblika u li ma kinux f'sitwazzjoni korrispondenti.

Ġustifikazzjoni min-natura u l-loġika inerenti tas-sistema tat-taxxa

- (32) Jekk il-Kummissjoni tkompli ssostni li t-taxxa kif ġiet applikata tiffavorixxi lil ċerti intrapriżi minkejja d-differenzi legali u fattwali, l-awtoritajiet Daniżi huma tal-opinjoni li l-eċċezzjonijiet fis-sistema fiskali jistgħu jiġu ġġustifikati min-natura tas-sistema fiskali u mill-iskema ġenerali tagħha, u li għalhekk l-iskema fiskali ma tikkostitwix għajna mill-Istat, anki jekk l-awtoritajiet Daniżi għal darb'oħra jirrikonoxxu li kien hemm diskriminazzjoni bejn l-intrapriżi li ġew intaxxati skont it-Taqsima 24b u dawk li kisbu eżenzjoni mit-taxxa skont it-Taqsima 24c. Jekk il-Kummissjoni ssostni li d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 24a jridu jitqiesu bħala s-sistema normali ta' taxxa, u li l-miżuri fit-Taqsimiet 24b u 24c jikkostitwixxu eċċezzjonijiet selettivi, dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jiġu ġġustifikati min-natura jew mil-loġika inerenti tas-sistema fiskali.
- (33) F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Daniżi jistqarru li t-taxxa mnaqqsa mħallsa minn dawk li mhumiex sidien ta' sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma tista' tiġi ġġustifikata mhux l-inqas mill-fatt li bdiewa u sidien oħra ta' sistemi privati tal-estrazzjoni tal-ilma għandhom ikopru l-ispejjeż konnessi mal-estrazzjoni tal-ilma huma stess, u mhumiex intitolati li jikkollegaw ma' sistema ta' utilità pubblika jekk jinsabu barra miż-żona tal-provvista tas-sistema. Huma jżidu jgħidu li l-għan tat-taxxa huwa li jiġu ffinanzjati l-isforzi biex jiġu protetti u ppriżervati r-riżorsi tal-ilma tax-xorb, u mhux li tagħti l-opportunità lill-bdiewa li jsaqqu l-għelejjel tagħhom bl-ilma tax-xorb. Fil-fehma tal-awtoritajiet Daniżi, dan huwa biżżejjed biex jiġġustifika d-diskriminazzjoni li ġeja mill-iskema fiskali u li tibbaża ruħha fuq sensiela ta' differenzi fattwali u legali li huma konformi mal-għan tal-iskema.
- (34) Fir-rigward tat-tnaqqis fit-taxxa u l-limitu ta' 25 000 m³ għall-bażi ta' kalkolu fit-Taqsima 24b, l-awtoritajiet Daniżi jgħidu dan li ġej:

— din il-miżura tapplika għall-intrapriżi kollha, irrISPettivament mid-daqs, il-lok jew is-settur;

— it-taxxa tnaqqset b'żewġ terzi skont is-suppożizzjonijiet marbuta maż-żmien tal-introduzzjoni ta' din l-iskema, fejn ġie preżunt li effettivament terz tal-volum li kien permess li jittella' kellu jintuża. Minn dak iż-żmien, dawn is-suppożizzjonijiet ġew sostnuti b'dejta miġbura wara li ġiet introdotta t-taxxa u li turi li tul il-perjodu 2009–2011 l-azjendi agrikoli fis-settur primarju kellhom rata ta' użu ta' 34 % (l-intrapriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli kellhom rata ta' użu ta' 48 % fl-istess perjodu, iżda peress li l-azjendi agrikoli fis-settur primarju jammontaw għal aktar minn 90 % tal-permessi maħruġa, ġie deċiż li tiġi applikata r-rata ta' 34 % għall-benefiċjarji kollha fl-interess tal-ġestjoni amministrattiva tajba tas-sistema);

— kieku l-limitu massimu ma ġiex introdott, kieku t-taxxa fit-Taqsima 24b kienet tagħti rendiment ta' DKK 60 miljun — aktar mid-doppju tal-ammont li t-taxxa f'dan il-paragrafu kien maħsub li jiġġenera sabiex jiġi ffinanzjat l-ippjanar tar-rispons — u t-taxxa kienet tkun tqassmet b'mod inqas ġust fost il-bdiewa (intervall ta' bejn EUR 80 u EUR 335 skont il-limitu massimu u bejn EUR 40 u EUR 35 000 mingħajr limitu massimu). Jekk l-azjendi agrikoli kellhom iħallsu t-taxxa kollha minflok terz, ir-rendiment sħiħ mill-produzzjoni agrikola primarja biss kien ikun DKK 138 miljun;

- il-limitu massimu jagħmilha possibbli li jinżamm ċertu grad ta' trattament ugwali bejn dawk l-intrapriżi li jużaw l-ilma tal-wiċċ (eżentat mit-taxxa) u dawk li jużaw l-ilma ta' taħt l-art;
 - peress li t-taxxa hija kkalkulata abbażi tal-volum li huwa permess li jiġi estratt, u mhux fuq il-konsum effettiv, mingħajr limitu massimu xi intrapriżi kieku kienu jħallsu ammont għoli b'mod sproporzjonat;
 - il-limitu massimu jagħmilha possibbli li jiġi impost ammont fiss li jrid jitħallas mill-intrapriżi b'permessi ta' estrazzjoni ta' iktar minn 25 000 m³ (li jinvolvi 61 % tal-azjendi agrikoli) u, bħala tali, il-vantaġġ jaffettwa 39 % tal-intrapriżi li għandhom permessi ta' estrazzjoni ta' inqas minn 25 000 m³ li jkunu ħallsu biss parti mit-taxxa standard u b'hekk il-vantaġġ jammonta għal mhux aktar minn EUR 250 fis-sena, ferm inqas mill-livell limitu *de minimis*;
 - il-limitu massimu jagħmilha possibbli li jitnaqqas l-effett li l-kondizzjonijiet naturali jkollhom fuq l-istess intrapriżi li jipproduċu l-istess prodotti (pereżempju, il-kundizzjonijiet tat-temp li għandhom effett differenti fuq il-bżonn ta' irrigazzjoni minn żona għal oħra);
 - f'dan il-każ l-ilma jikkostitwixxi fattur ta' produzzjoni u mhux prodott minnu nnifsu. Fil-Każ N 472/2002 ⁽¹⁴⁾ dwar livell massimu permanenti ta' taxxa fuq l-art, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan il-limitu massimu kien iġġustifikat mil-loġika inerenti tas-sistema fiskali — speċifikament abbażi tas-sinifikat kruċjali tal-art bħala fattur ta' produzzjoni fis-settur agrikolu;
 - peress li l-limitu massimu ġie applikat fuq l-intrapriżi kollha fis-setturi kollha irrispettivament mid-daqs jew mill-konsum tal-ilma tagħhom, la hu materjalment u lanqas reġjonalment selettiv u ma kienx jiddependi fuq kriterji speċifiċi (bħal kriterji ġeografiċi) li jistgħu jeskludu lil ċerti intrapriżi, u l-awtoritajiet ma kellhomx setgħat diskrezzjonali li jmorru lil hinn mir-regoli tal-kalkolu tat-taxxa (ara f'dan il-kuntest id-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni fil-Każijiet N 159/2009 u N 480/2007);
 - jekk il-Kummissjoni xorta waħda ser tibqa' tal-opinjoni li l-limitu massimu hu selettiv, dan hu iġġustifikat mil-loġika inerenti tas-sistema fiskali peress li 61 % tad-detenturi tal-permessi privati għall-estraxxjoni tal-ilma ħallsu l-ogħla taxxa skont it-Taqsima 24b, u bħala tali dan l-ammont għandu jitqies bħala n-norma. L-għan tat-taxxa kien li jkun hemm dħul għall-finanzjament ta' azzjonijiet konġunti għall-protezzjoni tal-ilma, u l-limitu massimu ġie introdott sabiex jiġi evitat li jitqiegħed piż ekonomiku żejjed fuq is-settur u fl-istess ħin biex jiżgura li l-piż jitqassam b'mod ekwu fost il-produtturi tal-istess tipi ta' prodotti li l-bżonn tagħhom għall-ilma huwa affettwat mill-kundizzjonijiet naturali (karatteristiċi tal-ħamrija, preċipitazzjoni);
 - il-limitu massimu jista' jiġi iġġustifikat abbażi tad-dispożizzjonijiet fl-Avviż tal-Kummissjoni fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuma mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tan-negozju dirett ⁽¹⁵⁾, peress li dan iservi l-iskop ridistributtiv (il-punt 24 tal-avviż tal-Kummissjoni), ma fih l-ebda element diskrezzjonali u huwa relatat ma' fattur partikolarment importanti tal-produzzjoni (il-punt 27 tal-Avviż tal-Kummissjoni); dawn ir-raġunijiet kollha huma ċirkustanzi li jistgħu jiġġustifikaw it-taxxa abbażi tan-natura tas-sistema fiskali jew tal-loġika inerenti. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Daniżi qed jerġgħu jirreferu għad-deċizzjoni tal-Kummissjoni fil-Każ N 472/2002 u jenfasiszaw l-importanza tal-ilma bħala fattur ta' produzzjoni.
- (35) Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa fit-Taqsima 24c u t-trattament differenzjat tal-intrapriżi fl-istess settur imsemmi fid-deċizzjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Daniżi jistqarru li minħabba l-istruttura tas-sistema fiskali, huwa naturali li ħafna detenturi tal-permessi li tellgħu volumi iżgħar ta' ilma kienu eżentati mit-taxxa meta jitqiesu r-rendimenti insinifikanti li t-taxxa kieku tikkontribwixxi u l-impatt limitat fuq ir-riżorsi tal-ilma. Billi t-taxxa ġiet ikkalkulata abbażi tal-volum tal-ilma li teoretikament jista' jiġi estratt kull sena skont il-permess, l-intrapriżi kellhom iħallsu biss EUR 81 fl-2009, EUR 84 fl-2010 u EUR 83 fl-2011. Barra minn hekk, minħabba li l-maġġoranza vasta tal-permessi ta' estrazzjoni jikkonċernaw biss volum medju ta' 1 000 m³ kull sena, l-ammont tal-eżenzjoni kien biss ta' EUR 40 għall-perjodu kollu. Minbarra dan, id-detenturi ta' permessi iżgħar ta' estrazzjoni (massimu ta' 6 000 m³) huma differenti minħabba l-fatt li dawn ma jkunux soġġetti għall-obbligi ta' rapportar, u bħala tali ma hemm l-ebda reġistru komprensiv jew permess li l-amministrazzjoni tat-taxxa tista' tuża.
- (36) Fir-rigward tal-kwistjoni dwar is-selettività, l-awtoritajiet Daniżi jsemmu bħala konklużjoni li hija l-eżenzjoni tat-Taqsima 24c biss li tista' titqies selettiva, peress li tiffavorixxi lil ċerti impriżi, iżda li fi kwalunkwe każ hija iġġustifikata min-natura u l-loġika inerenti tas-sistema fiskali. Huma jżidu li, anki jekk il-Kummissjoni tkompli tikkunsidra li l-iskema fiskali fit-Taqsima 24a tikkostitwixxi s-sistema ta' referenza, meta wieħed iqis d-differenzi dikjarati fiċ-ċirkustanzi fattwali u legali, dan mhuwiex każ ta' diskriminazzjoni.

⁽¹⁴⁾ Id-Deċiżjoni C(2003) 777 finali COM emendata (ara d-Deċiżjoni C(2003) 1224 finali).

⁽¹⁵⁾ ĠU C 384, 10.12.1998, p. 3.

Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ

- (37) L-awtoritajiet Daniżi jindirizzaw din il-kwistjoni abbażi ta' żewġ aspetti tal-emails tagħhom datati t-12 ta' Ġunju 2012 u s-7 ta' Novembru 2013: l-ewwel nett, is-sistema fiskali fit-Taqsima 24a hija komparabbli mal-iskemi fit-Taqsimiet 24b u 24c; u t-tieni, is-sistema fiskali fit-Taqsima 24b hija komparabbli mal-iskema fit-Taqsima 24c.
- (38) Fir-rigward tal-ewwel paragun, l-awtoritajiet Daniżi jenfasizzaw li jekk miżura nazzjonali ma tagħtix vantaġġ selettiv, la tista' tfixkel il-kompetizzjoni u lanqas taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Peress li l-awtoritajiet Daniżi huma tal-fehma li huma wrew bil-provi li t-tnaqqis fit-taxxa jew l-eżenzjoni minnha ma tiffavorix lir-ricevitori meta mqabbla ma' intrapriżi oħra li jistgħu jiġu preżunti li huma f'sitwazzjoni fattwali jew legali korrispondenti, dan ma jistax ikun każ ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (39) Fir-rigward tat-tieni paragun, l-awtoritajiet Daniżi jirrikonoxxu li l-intrapriżi li huma eżentati mit-taxxa rċevew vantaġġ meta mqabbla ma' intrapriżi oħra, iżda jsostnu li l-valur tal-eżenzjoni hu tant insinifikanti li ma jaffettwax il-kompetizzjoni fis-suq intern, indikat mill-evidenza kollha, peress li l-intrapriżi ma ressqu l-ebda lment. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi huma tal-opinjoni li hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li turi li għajnuna tfixkel il-kompetizzjoni. F'dan il-kuntest, huma jirreferu għas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-24 ta' Ottubru 1996 fil-Kawża C-329/93, *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Hanseatische Industrie-Beteiligungen GmbH u Bremer Vulkan Verbund AG vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* ⁽¹⁶⁾, u b'mod partikolari l-paragrafu 52, li jgħid li "filwaqt li, f'ċerti każijiet, iċ-ċirkustanzi stess li fihom inġatata l-għajnuna, jistgħu juru li din hija ta' natura li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni għandha ta' mill-anqas issemmi dawn iċ-ċirkustanzi f'dikjarazzjoni tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha". Skont l-awtoritajiet Daniżi, fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni sempliċement iddikjarat kemm hu kbir il-kummerċ tad-Danimarka fi prodotti agrikoli, u bħala tali ma ppruvatx b'mod suffiċjenti għaliex hija tal-fehma li l-iskema fiskali tista' thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u l-kummerċ fis-suq intern. Biex turi l-valur limitat tal-eżenzjoni, l-awtoritajiet Daniżi josservaw li intrapriża li tirċievi eżenzjoni mit-taxxa għall-volum massimu (6 000 m³) irċeviet għajnuna għall-ammont ta' DKK 610 (madwar EUR 81) fl-2009, DKK 630 (madwar EUR 84) fl-2010 u DKK 620 (madwar EUR 83) fl-2011 meta mqabbla ma' dawk l-intrapriżi li ngħataw tnaqqis skont it-Taqsima 24b. Barra minn hekk, il-parti l-kbira tal-azjendi eżentati għandhom permessi ta' estrazzjoni għal 1 000 m³ biss, li jagħmel il-valur tal-eżenzjoni saħansitra inqas sinifikanti. Minħabba li t-taxxa tħassret fl-1 ta' Jannar 2012, l-azjendi li ġew iffavoriti setgħu jirċievu għajnuna ta' mhux iktar minn EUR 250 meta mqabbla ma' dawk li esklussivament kellhom vantaġġ mit-tnaqqis. L-ammonti kollha huma fil-livell limitu tar-regolamenti *de minimis* kemm għall-produzzjoni agrikola primarja kif ukoll għall-ipproċessar tal-ikel, u għalhekk ma jifxklux il-kompetizzjoni.

Kompatibbiltà

(a) Produzzjoni primarja

- (40) L-awtoritajiet Daniżi jiddikjaraw fl-analiżi li kwalunkwe għajnuna fir-rigward tal-iskemi fiskali fit-Taqsimiet 24b u 24c hija, fi kwalunkwe każ, kompatibbli mas-suq intern.
- (41) Fir-rigward tat-tnaqqis mit-taxxa fit-Taqsima 24b, l-awtoritajiet Daniżi huma tal-opinjoni li l-punti 151 sa 159 tal-EEAG ġew rispettati sal-punt li t-taxxa hija taxxa ambjentali, u tnaqqis mit-taxxa huwa meħtieġ u proporzjonat fix-xenarji kollha (jiġifieri, irrISPettivament minn jekk is-sistema ta' referenza għall-analiżi ssawritx mill-iskema fiskali fit-Taqsima 24a jew mill-iskema fiskali fit-Taqsima 24b, li fiha il-livell massimu ta' 25 000 m³ jitqies li hu kapaċi li jiffavorixxi lid-detenturi ta' permess ta' estrazzjoni għal aktar minn 25 000 m³).

It-taxxa ambjentali (il-punt 151 tal-EEAG)

- (42) L-awtoritajiet Daniżi juru li t-taxxa għandha l-karattru ta' taxxa ambjentali billi jirreferu għall-għan ġenerali tal-iskema fiskali, jiġifieri li tippoteġi l-ilma tax-xorb, u jenfasizzaw li l-miżura Daniża tmur lil hinn mill-obbligi

⁽¹⁶⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (is-Sitt Awla) tal-24 ta' Ottubru 1996, *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u Hanseatische Industrie-Beteiligungen GmbH u Bremer Vulkan Verbund AG vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, il-Kawża magħquda C-329/93, C-62/95 u C-63/95, ECLI:EU:C:1996:394.

fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u x'aktarx ma tinstabx fi Stati Membri oħra. Huma jżidu li l-iskema twaqqfet b'tali mod li l-ikbar kontributori (is-sidien tas-sistemi tal-provvista tal-ilma) setgħu jgħaddu t-taxxa fuq l-utenti abbażi tal-konsum tagħhom, u b'hekk iħeġġuhom jikkunsmaw inqas. Bl-introduzzjoni tat-tnaqqis fit-taxxa u l-eżenzjonijiet għal dawk li jtellgħu l-ilma tagħhom stess, l-awtoritajiet Daniżi jemmnu li kien possibbli li jiġu intaxxati b'mod aktar effettiv dawk li jużaw l-akbar volumi tal-ilma tax-xorb.

Il-ħtieġa tal-ġhajjnuna (il-punt 158 tal-EEAG)

- (43) Fir-rigward tal-kriterju fil-punt 158(a) tal-EEAG (li skontu l-għażla tal-benefiċjarji trid tissejjes fuq kriterji ċari u oġġettivi, u, bħala prinċipju, l-ġhajjnuna trid tingħata bl-istess mod lill-kompetituri kollha fl-istess settur jew suq rilevanti jekk jinsabu fl-istess sitwazzjoni fattwali), l-awtoritajiet Daniżi jiċħdu l-argument tal-Kummissjoni li kellhom jagħmlu distinzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi barra mis-settur agrikolu b'permessi ta' estrazzjoni tal-ilma u l-operaturi ekonomiċi fi ħdan is-settur agrikolu. Huma ma jaqblux li l-iskema fiskali tiddistingwi bejn intrapriżi fi ħdan ċerti setturi jew barra minnhom; iżda huma tal-opinjoni li s-sidien kollha ta' sistemi mhux pubbliċi ta' provvista tal-ilma b'permessi ta' estrazzjoni ta' iktar minn 6 000 m³ ta' ilma ta' taħt l-art kull sena, irrispettivament mis-settur ekonomiku tagħhom, huma min-naħa l-oħra soġġetti għat-taxxa fit-Taqsima 24b. Jekk il-limitu massimu ta' 25 000 m³ jiġi kkunsidrat li jiffavorixxi lid-detenturi tal-permessi ta' estrazzjoni għal aktar minn 25 000 m³, il-kriterju tal-oġġettività u ċ-ċarezza fl-għażla tal-benefiċjarji għandu jiġi ssodisfat peress li t-tnaqqis fit-taxxa jiġi applikat bl-istess mod għall-impriżi kollha fl-istess settur li jkunu fl-istess sitwazzjoni fattwali (id-detenturi ta' permess ta' estrazzjoni għal aktar minn 25 000 m³ ta' ilma).
- (44) L-awtoritajiet Daniżi jirreferu wkoll għall-kriterju tal-oġġettività u ċ-ċarezza qabel l-għażla tal-benefiċjarji, u jistaqsu għaliex il-Kummissjoni qed tħares lejn l-intrapriżi fi Stati Membri oħra li ma għandhomx l-istess vantaġġ bħall-intrapriżi Daniżi li jirċievu tnaqqis jew eżenzjoni, ladarba l-intrapriżi barranin mhumiex soġġetti għall-iskema fiskali Daniża. L-awtoritajiet Daniżi jirreferu għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża C-30/2009 ⁽¹⁷⁾, li fiha l-Kummissjoni kkonkludiet li sabet il-kriterji oġġettivi u ċari.
- (45) Fir-rigward tal-kriterju fil-punt 158(b) tal-EEAG (li jstipula li t-taxxa ambjentali mingħajr tnaqqis għandha twassal għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni għal kull settur jew kategorija ta' benefiċjarji individwali), l-awtoritajiet Daniżi jistqarru li, skont l-amministrazzjoni tat-taxxa, l-intrapriżi fis-settur primarju ħallu total ta' DKK 26 miljun fis-sena ftaxxa fit-Taqsima 24b fil-perjodu 2009–2010, u li, kieku ġew soġġetti għall-istess taxxa bħala sidien ta' sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma, kienu jħallu madwar DKK 138 miljun fis-sena, jiġifieri 430 % aktar għas-settur kollu. L-awtoritajiet Daniżi jipprovdu eżempju numeriku tal-ispejjeż tal-produzzjoni, li juri li l-ispejjeż addizzjonali għal kull ettaru jammontaw għal bejn wieħed u ieħor DKK 347 — żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni ta' bejn 4,3 % u 7,7 %, skont it-tip ta' għalla. Dan il-kalkolu huwa bbażat fuq azjenda agrikola ipotetika ta' 100 ettaru b'permess ta' estrazzjoni ta' 1 200 m³ għal kull ettaru u li tħallas taxxa ta' DKK 0,31 għal kull ettaru li, jekk titħallas it-taxxa kollha, tirriżulta ftaxxa totali ta' DKK 37 200 (100 × 1 200 × 0,31), jiġifieri spejjeż addizzjonali ta' DKK 34 700, jew 347 għal kull ettaru, l-istess daqs li kieku l-azjenda jkollha tħallas DKK 2 500 b'limitu massimu ta' 25 000 m³ (ara t-Taqsima 24b). Huma tal-opinjoni li żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni ta' mhux aktar minn 8 % hija sostanzjali (hawn huma jirreferu għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ġhajjnuna mill-Istat N 327/2008 ⁽¹⁸⁾, li fiha żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni ta' 3 % tqieset sostanzjali), u tagħti raġuni biex wieħed jikkonkludi li l-kriterju fil-punt 158(b) tal-EEAG ġie ssodisfat. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi huma tal-opinjoni li l-istess loġika tista' tiġi segwita fil-kuntest tal-limitu massimu ta' 25 000 m³. Mingħajr dan il-limitu massimu, it-taxxa kienet tirriżulta f'żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni ta' bejn 1,25 % u 2,20 %. Filwaqt li huwa minnu li din hija żieda iżgħar minn dik diskussa fid-Deċiżjoni fil-każ N 327/2008, dan għandu jitqies fid-dawl tal-fatt li huwa impossibbli li din tingħadda lill-konsumaturi (ara l-premessa li jmiss).
- (46) Fl-aħħar nett, fdak li jirrigwarda l-punt 158(c) tal-EEAG (li skontu l-ġhajjnuna titqies meħtieġa jekk iż-żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni ma tistax tiġi ttrasferita lill-klijenti mingħajr ma jiġi kkawżat tnaqqis importanti fil-bejgħ), l-awtoritajiet Daniżi huma tal-opinjoni li, irrispettivament minn liema xenarju ta' referenza jintuża bħala bażi (ara l-premessa 41), il-produtturi primarji ma jstgħux jgħaddu ż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni lill-konsumaturi iżda għandhom ikopru t-telf huma stess: l-ewwel nett, minħabba li l-ilma użat biex isaqqu l-għelejjel f'ħamrija li teħtieġ ammont kbir ta' ilma jintuża għal tipi differenti ta' għelejjel tal-istess kwalità

⁽¹⁷⁾ ĠU C 105, 24.4.2010, p. 3.

⁽¹⁸⁾ C(2009)8093 finali.

bħal dawk l-għelejjel li ma jtkabbrux f'ħamrija li teħtieġ l-irrigazzjoni; u t-tieni nett, minħabba li l-prodotti rilevanti huma wkoll importati fid-Danimarka f'volumi kbar, u għalhekk il-prezzijiet huma stabbiliti fis-suq globali li fih il-bdiewa Daniżi għandhom sehem żgħir ħafna tas-suq minħabba d-daqs tal-azjendi tagħhom, u bħala tali huwa diffiċli għalihom li jgħaddu l-ispejjeż addizzjonali permezz tal-prezz tal-bejgħ. Skont l-awtoritajiet Daniżi, il-bdiewa kien ikollhom itellgħu bilfors anqas ilma li kieku huma kellhom iħallsu t-taxxa kollha, li jirriżulta f'rendiment iżgħar tal-għelejjel u telf ta' dħul u, flimkien mal-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja li għamlet il-bdiewa iktar vulnerabbli għal żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni, dan kien ifixkel il-kompetizzjoni bejn il-bdiewa bi bżonn qawwi ta' irrigazzjoni u dawk b'inqas bżonn jew l-ebda bżonn ta' irrigazzjoni.

Proporzjonalità tal-għajnuna (il-punt 159 tal-EEAG)

- (47) L-awtoritajiet Daniżi jirreferu għall-punt 159 tal-EEAG, li fih tliet kundizzjonijiet, li ta' mill-anqas waħda minnhom għandha tiġi ssodisfata sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit tal-proporzjonalità. Dawn il-kundizzjonijiet jissejju b'mod partikolari fuq il-punt 159(b) billi mhux possibbli li ssir inkjesta ex post dwar jekk il-kundizzjonijiet fis-subpunti (a) u (c) ġewx issodisfati. Skont il-punt 159(b), il-benefiċjari tal-għajnuna għandhom iħallsu ta' mill-anqas 20 % tat-taxxa nazzjonali, sakemm ma tiġix iġġustifikata rata aktar baxxa fid-dawl ta' distorsjoni limitata tal-kompetizzjoni.
- (48) L-awtoritajiet Daniżi jiddikjaraw li, filwaqt li jitqiesu l-fatt li t-taxxa fit-Taqsima 24b tikkostitwixxi terz tat-taxxa fit-Taqsima 24a u l-fatt li l-limitu massimu ta' 25 000 m³ eżenta l-intrapriżi milli jħallsu t-taxxa fuq volumi ikbar minn dak, l-intrapriżi b'permess ta' estrazzjoni għal mill-inqas 41 666 m³ ħallsu mill-inqas 20 % tat-taxxa fit-Taqsima 24a. Madankollu, dawn jiddikjaraw ukoll li l-kumpaniji tal-provvista tal-ilma ma jistgħux jitqiesu bħala impriżi skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u li l-azjendi agrikoli ma jikkompetux la mal-intrapriżi tal-ipproċessar tal-ikel u lanqas mas-sidien ta' sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma. Jistgħu jsiru paragoni bejn l-intrapriżi b'permess ta' estrazzjoni tal-ilma u l-intrapriżi li, filwaqt li ma għandhomx tali permess, ikollhom jikkollegaw mas-sistemi pubbliċi. Tal-ewwel ġew intaxxati abbażi tal-volum li għalih huma kellhom permess itellgħu, filwaqt li dawn tal-aħħar kienu intaxxati abbażi tal-konsum attwali tagħhom, li jagħmilha diffiċli biex wieħed jiċċekkja jekk tħallasx 20 % tat-taxxa. Madankollu, jekk ir-rata tal-użu tal-permessi tal-azjendi agrikoli (34 %) u l-intrapriżi tal-ipproċessar (48 %) jiġu kkunsidrati f'daqqa, flimkien mal-volum medju tal-permessi (rispettivament 37 000 m³ u 243 000 m³) kif ukoll ir-rata tal-użu għas-sistemi ta' utilità pubblika (80 %), jirriżulta li produttur primarju (meta jitqies il-konsum reali bħala punt tat-tluq) ħallas medja ta' madwar 45 % tat-taxxa mħallsa mill-intrapriżi mingħajr permess ta' estrazzjoni, filwaqt li ċ-ċifra għall-intrapriżi tal-ipproċessar hija ta' 6 %. Jekk l-iskema fiskali fit-Taqsima 24b tintuża bħala xenarju ta' referenza, u jsir tqabbil bejn id-detenturi ta' permess ta' estrazzjoni għal mill-inqas 25 000 m³ ta' ilma u d-detenturi ta' permess ta' estrazzjoni għal aktar minn 25 000 m³, jirriżulta li 97,5 % tal-benefiċjarji ħallsu mill-inqas 20 % tat-taxxa normali. L-awtoritajiet Daniżi jirrikonoxxu li l-kriterju ta' 20 % japplika għal dawk il-ftit intrapriżi, iżda xorta waħda huma tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-medja fl-evalwazzjoni tagħha tar-rekwiżit ta' proporzjonalità, kif ukoll li qabel l-2009 ma kien hemm l-ebda taxa fuq l-estraxxjoni tal-ilma. Skont l-awtoritajiet Daniżi, li kieku l-iskema fiskali ma kellha ebda limitu massimu, kienet toħloq distorsjoni akbar tal-kompetizzjoni fis-settur agrikolu, peress li l-intrapriżi li kienu rċevew permess biex itellgħu volumi kbar qabel ma ġiet introdotta t-taxxa kien ikollhom iħallsu t-taxxa kollha għall-volum ikkonċernat, irrispettivament mill-konsum reali tagħhom. Fl-aħħar nett, l-azjendi agrikoli fl-Istati Membri l-oħra mhumiex soġġetti għall-istess taxa Daniża, u għalhekk huwa diffiċli li wieħed jiddetermina kif dawn tal-aħħar setgħu kisbu vantaġġ kompetittiv.
- (49) L-awtoritajiet Daniżi jiddikjaraw bħala konklużjoni ġenerali tagħhom li t-taxxa hija proporzjonata, anki jekk mhux l-intrapriżi kollha ħallsu mill-inqas 20 % tat-taxxa.

(b) *L-ipproċessar tal-prodotti tal-azjendi agrikoli*

- (50) L-awtoritajiet Daniżi jirrikonoxxu li ma jistgħux jippruvaw li l-għajnuna li intrapriżi tal-ipproċessar tal-ikel b'permessi ta' estrazzjoni rċevew bħala riżultat tat-tnaqqis tat-taxxa fit-Taqsima 24b mill-inqas tissodisfa l-kriterju meħtieġ fil-punt 158 tal-EEAG. Madankollu, jistgħu jippruvaw li bis-saħħa tat-tnaqqis fit-taxxa, il-ħames intrapriżi bl-akbar permessi ta' estrazzjoni rċevew l-għajnuna medja annwali ekwivalenti għal bejn DKK 245 417 (madwar EUR 32 700) u DKK 456 217 (madwar EUR 60 000) meta mqabbla mal-intrapriżi li kienu kollegati ma' sistema pubblika ta' provvista tal-ilma, iżda jisħqu li dawn in-numri ma jagħtux stampa realistika tal-vantaġġ tal-benefiċjarji, u li dawn għandhom jiġu kkunsidrati flimkien mal-konsum reali tal-ilma tal-intrapriżi tal-ipproċessar (ir-rata ta' użu tal-permessi kienet ta' 48 %). Meta jitqiesu b'dan il-mod, l-għajnuna ekwivalenti hi ta' bejn DKK 143 337 (madwar EUR 19 100) u DKK 267 369 (madwar EUR 35 650) fis-sena, u hi saħansitra inqas jekk it-taxxa fit-Taqsima 24b tiġi applikata bħala xenarju ta' referenza.

- (51) L-awtoritajiet Daniżi josservaw li dawn iċ-ċifri kollha huma taħt il-livell limitu *de minimis* ta' EUR 200 000 għal għajjnuna għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli. Huma jirrikonoxxu li jista' jkun hemm intrapriżi li jaqzbu l-livell limitu jekk titqies l-għajjnuna *de minimis* l-oħra kollha mogħtija matul it-tliet snin finanzjarji, iżda huma tal-opinjoni li f'dan il-każ il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-għajjnuna bħala kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet. Dan il-qafas jippermetti li tingħata għajjnuna sa EUR 500 000 lill-intrapriżi li jipproċessaw prodotti agrikoli, iżda l-awtoritajiet Daniżi ma applikawhiex. Skont l-awtoritajiet Daniżi, intrapriża li tkun diġà rċeviet EUR 200 000 f'għajjnuna *de minimis* xorta tista' tirċievi EUR 300 000 fil-kuntest tal-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet.

Eżenzjoni

- (52) L-awtoritajiet Daniżi jiddikjaraw li eżenzjoni mit-taxxa fit-Taqsima 24c hija eċċezzjoni fid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 24b, li tista' titqies li tikkostitwixxi s-sistema ta' referenza, iżda jekk il-Kummissjoni tqis li t-Taqsima 24c hija eċċezzjoni fit-Taqsima 24a, fi kwalunkwe każ l-eżenzjoni ma tikkostitwix għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, u jekk il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern.
- (53) L-awtoritajiet Daniżi jsostnu li l-intrapriżi intitolati li jtellgħu tal-anqas 6 000 m³ ma rċevewx iżjed minn EUR 250 f'għajjnuna jekk l-eżenzjoni tiġi kkunsidrata eċċezzjoni għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 24b, jew aktar minn EUR 750 f'għajjnuna, jekk titqies bħala eċċezzjoni fid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 24a (it-taxxa fit-Taqsima 24b tikkostitwixxi terz biss tat-taxxa fit-Taqsima 24a). Huma jfakkru wkoll li l-miżura trid tiġi evalwata abbażi tar-regoli *de minimis* applikabbli, u li l-kompatibbiltà tal-għajjnuna illegali trid tiġi evalwata abbażi tad-dispożizzjonijiet li kienu applikabbli fiż-żmien meta nġhatat l-għajjnuna. F'dan il-kuntest, huma jirreferu għal darb'oħra għall-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet u jenfasiszaw li l-Kummissjoni ma tistax tirrifjuta li tapplika l-linji gwida f'din il-kwistjoni, fid-dawl tal-fatt li l-għajjnuna ma nġhatatx fil-kuntest ta' skema ta' għajjnuna approvata, u li l-awtoritajiet Daniżi ma kinux ġabru dikjarazzjonijiet mingħand il-benefiċjarji ta' għajjnuna *de minimis* oħra, li potenzjalment kellhom jirċevuha qabel il-miżura rilevanti. Jekk il-Kummissjoni tibqa' tal-fehma li dawn il-kundizzjonijiet formali għandhom jiġu ssodisfati, il-prinċipji għall-valutazzjoni tal-għajjnuna illegali se jiddgħajfu, peress li l-karatteristika li tiddefinixxi għajjnuna mill-Istat mhux notifikata hija preċiżament li l-kundizzjonijiet formali għal-legalità tal-għajjnuna ma ġewx issodisfati. F'dak il-każ, għajjnuna mhux notifikata la qatt tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, u lanqas ma tkun tista' tiġi eżentata mill-obbligu ta' rapportar bħala riżultat ta' regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija.
- (54) Għaldaqstant, l-awtoritajiet Daniżi huma tal-fehma li l-eżenzjoni għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern — sakemm il-limiti massimi ta' għajjnuna fil-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet (EUR 500 000 għall-intrapriżi tal-ipproċessar tal-ikel u EUR 15 000 għall-produtturi primarji, inkluża l-għajjnuna *de minimis*) ma jinqabżux — u li l-Kummissjoni għandha de facto tgħolli l-limitu massimu *de minimis* meta tkun qiegħda tivvaluta l-kompatibbiltà tal-eżenzjoni. Meta jitqies li l-għajjnuna kienet tammonta għal bejn EUR 250 u EUR 750, il-livelli stabbiliti ta' għajjnuna skont il-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet ma jistax ikun li nqabżu fil-perjodu 2009–2011, lanqas għall-intrapriżi tal-ipproċessar tal-ikel u l-produtturi primarji li kienu diġà rċevew l-ogħla għajjnuna *de minimis* għall-istess perjodu. L-awtoritajiet Daniżi jirrikonoxxu li l-kundizzjonijiet formali għall-għoti tal-għajjnuna *de minimis* jew għajjnuna kompatibbli skont il-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet ma ġewx issodisfati, iżda peress li l-Danimarka ma applikatx ir-regoli f'dak iż-żmien, u peress li l-ammonti ta' għajjnuna ma qabżux is-EUR 750, m'hemm riskju li jinqabżu l-limiti massimi fil-każ ta' applikazzjoni sussegwenti tar-regoli fil-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet.

Irkupru

- (55) L-awtoritajiet Daniżi jiddikjaraw li anki li kieku l-Kummissjoni ma taċċettax l-argumenti li jsostnu li l-iskema fiskali ma kinitx tinvolvi għajjnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli, hija ma għandhiex tesiġi l-irkupru tal-għajjnuna mingħand il-benefiċjarji, minħabba li l-għajjnuna għandha effett minimu fuq il-kompetizzjoni, l-irkupru mhux se jirrestawra sitwazzjoni normali, il-benefiċjarji kellhom aspettattivi leġittimi, u huwa totalment impossibbli li jitwettagħ irkupru li jagħti drittijiet ugwali lill-intrapriżi kollha.
- (56) Għal dak li jirrigwarda l-ewwel argument, l-awtoritajiet Daniżi jindikaw li l-intrapriżi kollha li kienu jinsabu fl-istess sitwazzjoni fattwali u legali kienu trattati b'mod ugwali, u għalhekk ir-riskju ta' distorsjoni

tal-kompetizzjoni huwa minimu u purament teoretiku. Barra minn hekk, il-limitu massimu tat-taxxa għad-detenturi tal-permessi ta' estrazzjoni kkontribwixxa biex jinżammu kundizzjonijiet ekwi, pereżempju fis-settur tal-produzzjoni primarja, billi ġiet evitata żieda sproporzjonata fl-ispejjeż tal-produzzjoni għal dawk il-produtturi li kellhom bżonn akbar ta' irrigazzjoni.

- (57) Fir-rigward tat-tieni argument, l-awtoritajiet Daniżi jenfasizzaw li l-irkupru mhux se jirrestawra s-sitwazzjoni kompetittiva ta' qabel l-2009, peress li l-produtturi primarji ma kinux igawdu minn vantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' intrapriżi f'setturi oħra li huma furnuti bl-ilma minn sistema ta' utilità pubblika. L-irkupru jkollu l-akbar impatt fuq dawk li għandhom l-akbar bżonn ta' irrigazzjoni minħabba l-kundizzjonijiet każwali tat-temp u tal-ħamrija, u bħala tali ma jkunux l-effetti potenzjali tal-ghajjnuna fuq il-kompetizzjoni, iżda pjuttost fatturi purament esterni li jkunu kruċjali għad-daqs tal-ammont irkuprat. Barra minn hekk, l-irkupru kieku kien jirriżulta f'distorsjoni tal-kompetizzjoni għall-benefiċċju ta' dawk li jistgħu jtellgħu l-ilma tal-wiċċ (ħieles mit-taxxa) minflok l-ilma ta' taħt l-art għall-istess produzzjoni, li jkun bi ksur tad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999⁽¹⁹⁾. Fl-aħħar nett, irkupru kieku kien jirriżulta fi ħsara irreparabbli u disproporzjonata fil-konfront tal-effett limitat tal-miżura fuq il-kompetizzjoni.
- (58) Fir-rigward tal-aspettattivi leġittimi tal-benefiċjarji, l-awtoritajiet Daniżi jisħqu li l-maġġoranza l-kbira tal-benefiċjarji potenzjali ma kellhom ebda possibbiltà reali li janticijaw li l-iskema setgħet tagħtihom vantaġġ mill-perspettiva ta' għajjnuna mill-Istat, b'mod partikolari minħabba li ma hemm l-ebda taxxa korrispondenti fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, l-ebda intrapriża Daniża jew barranija qatt ma ressqet ilment dwar l-iskema fiskali fi kwalunkwe mument. Minbarra dan, peress li normalment il-permessi ta' estrazzjoni tal-ilma jinħarġu għal perjodu ta' bejn 10 u 15-il sena, il-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji ma kellhomx l-oportunità li jieħdu inkunsiderazzjoni t-taxxa meta applikaw għal permess, u rkupru abbażi tad-daqs tal-permess ma kienx ikun jikkunsidra din is-sitwazzjoni imprevedibbli.

Impossibbli li jitwettaq irkupru effettiv li jagħti drittijiet ugwali lill-intrapriżi kollha

- (59) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Daniżi jsostnu li jkun diffiċli li jitwettaq irkupru effettiv, peress li mhux possibbli li tiġi kkalkolata l-ġhotja ekwivalenti għal kull benefiċjarju, minħabba li huwa impossibbli li jiġi ddeterminat il-konsum reali tagħhom matul il-perjodu 2009–2011 ex post. Barra minn hekk, fid-Danimarka ma hemm l-ebda qafas ta' referenza komuni biex tiġi kkalkolata l-ġhotja ekwivalenti għall-intrapriżi kollha, u t-taxxa li l-intrapriżi li jużaw sistemi ta' utilità pubblika ħallsu indirettament tvarja skont ir-rata ta' użu tas-sistema individwali, b'tali mod li intrapriżi fl-istess kategorija jistgħu jkunu ntalbu jħallsu taxxi differenti. Ekwalizzazzjoni effettiva tkun teħtieġ l-ikkalkolar mill-ġdid tat-taxxa fuq l-estraxxjoni tal-ilma għall-intrapriżi kollha abbażi tal-konsum reali fil-perjodu 2009–2011 u abbażi ta' rata arbitrarja iżda uniformi, b'tali mod li t-taxxa żejda titħallas lura jew li l-intrapriżi li ma jkunux ħallsu biżżejjed iħallsu b'lura. Madankollu, peress li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat il-konsum eżatt għall-intrapriżi b'estraxxjoni privata, dan il-mudell ma jstax jintuża.

V. KUMMENTI MILL-PARTI INTERESSATA

- (60) Il-parti interessata hija tal-fehma li din l-iskema fiskali ma tikkostitwix għajjnuna mill-Istat lil dawk l-intrapriżi, peress li t-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet mit-taxxi mhumiex selettivi u ma jaffettwawx il-kompetizzjoni. Anki li kieku l-Kummissjoni kellha tikkunsidra li l-iskema tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, hija f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-EEAG. Barra minn hekk, jekk l-għajjnuna mill-Istat tiġi ddikjarata illegali u inkompatibbli, l-irkupru tagħha jkun bi ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt. Il-bdiewa ma setgħux janticijaw li rċevew għajjnuna illegali mill-Istat, u rkupru jkun sproporzjonat meta wieħed iqis li ħafna mill-produtturi ma jużawx il-volum sħiħ li għalih għandhom permess itellgħu. Barra minn hekk, l-ebda intrapriża jew organizzazzjoni fid-Danimarka jew f'pajjiż barrani ma ressaq ilment li jgħid li d-differenzazzjoni fiskali tista' toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.

⁽¹⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jipprekrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1). Dan ir-Regolament tassar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

VI. IR-RISPOSTA TAL-AWTORITAJIET DANIŻI DWAR IL-KUMMENTI TAL-PARTI INTERESSATA

- (61) L-awtoritajiet Daniżi indikaw permezz ta' email datata t-2 ta' Lulju 2012 li l-parti interessata kienet qablet magħhom, u enfasizzaw li l-fatt li l-ebda intrapriża jew organizzazzjoni oħra ma kienet bagħtet kummenti wriet li l-iskema ma kinitx taffettwa l-kompetizzjoni fis-suq intern.

VII. VALUTAZZJONI

VII.1. L-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

- (62) Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma, li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti, hija, sa fejn jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, inkompatibbli mas-suq intern.
- (63) Fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami, il-Kummissjoni sabet, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, li l-miżura rilevanti setgħet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, billi din ingħatat mill-Istat (li rrinunzja dħul billi kkonċeda tnaqqis jew eżenzjoni mit-taxxa), kienet tiffavorixxi lil ċerti impriżi (prinċipalment l-azjendi agrikoli b'permessi privati għall-estrazzjoni li nħelsu mill-piż finanzjarju tagħhom, inklużi b'mod partikolari dawk li kellhom vantaġġ ta' eżenzjoni aktar milli tnaqqis), kellha l-potenzjal li taffettwa l-kummerċ⁽²⁰⁾, u heddet li tgħawweġ il-kompetizzjoni⁽²¹⁾. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li ma kien hemm l-ebda garanzija li l-miżura setgħet tiġi attribwita taħt skema ta' għajnuna *de minimis* (ara l-premessa 21). Abbażi tal-informazzjoni mill-awtoritajiet Daniżi, il-Kummissjoni għadha ma tistax tikkonkludi li l-miżura rilevanti setgħet tiġi attribwita taħt skema ta' għajnuna *de minimis*. L-awtoritajiet Daniżi stess iddikjaraw li għas-settur tal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli, huwa possibbli li ma kienx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna *de minimis* (ara l-premessa 51). Fir-rigward tas-settur tal-produzzjoni primarja, l-awtoritajiet Daniżi ma ppreżentaw l-ebda evidenza li l-ammonti ta' għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet mogħtija ma setgħux jirriżultaw feċċess tal-limiti massimi stabbiliti fuq perjodu ta' tliet snin finanzjarji. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li l-miżura tista' tiġi attribwita taħt skema ta' għajnuna *de minimis*. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit b'mod definittiv jekk il-miżura rilevanti tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat abbażi tar-regoli l-oħra applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

L-eżistenza ta' vantaġġ selettiv

- (64) Biex miżura tiġi kkunsidrata bħala għajnuna mill-Istat, din għandha tkun selettiva u tagħti vantaġġ billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti.
- (65) Fil-kuntest tal-miżuri fiskali, is-selettività tikkostitwixxi eċċezzjoni għas-sistema ta' referenza. F'dan il-każ li għandna hawn, l-Att ta' Konsolidament Daniż jikkostitwixxi trattament fiskali speċjali (tnaqqis jew eżenzjoni mit-taxxa) għall-azjendi li għandhom il-permessi ta' estrazzjoni għal volumi 'l fuq minn livelli speċifiċi jew taħthom.

Is-selettività prima facie fil-każ tat-tnaqqis fit-taxxa b'terz għad-detenturi ta' permess ta' estrazzjoni (it-Taqsimiet 24a u 24b)

- (66) Jirriżulta mill-premessa 64 li, sabiqes titqies bħala għajnuna mill-Istat, miżura għandha tkun selettiva u tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti.

⁽²⁰⁾ L-istatistika dwar il-kummerċ fl-UE turi li l-importazzjonijiet Daniżi ta' prodotti agrikoli fl-2011 kienu jammontaw għal EUR 6 886 biljun, filwaqt li l-esportazzjonijiet ammontaw għal EUR 9 223 biljun. Fl-2013, iċ-ċifri kienu ta' EUR 7 811 biljun u EUR 9 408 biljun rispettivament. Għax-xarbi, iċ-ċifri kienu EUR 271,9 miljun u EUR 547,3 miljun rispettivament.

⁽²¹⁾ Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sempliċi fatt li l-pożizzjoni kompetittiva ta' intrapriża tittejjeb billi tikseb vantaġġ li ma setax jinkiseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq u li intrapriża oħra li qed jikkompetu ma jkollhomx, huwa biżżejjed biex ikun hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni (il-Kawża C-730/79, *Philip Morris Holland BV vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, ECLI:EU:C:1980:209).

- (67) Il-punt 128 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⁽²²⁾, li jieħu post l-Avviż tal-Kummissjoni fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tan-negozju dirett, jistabbilixxi l-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddikjara li biex jiġi ddeterminat jekk miżura tikkostitwix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, hemm bżonn li tiġi ddeterminata l-iskema komuni (is-sistema ta' referenza), li wara jenħtieġ tiġi eżaminata jekk il-miżura kkonċernata tikkostitwix deroga minn dik l-iskema billi tiddistingwi bejn operaturi ekonomiċi differenti li huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli fid-dawl tal-għan intrinsiku tal-iskema, u fl-aħħar nett li jenħtieġ li jiġi ddeterminat jekk l-eċċezzjoni hix iġġustifikata min-natura u l-istruttura ġenerali komuni tal-iskema.
- (68) Barra minn hekk, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽²³⁾ li "Rigward il-valutazzjoni tal-kundizzjoni ta' selettività, li tagħmel parti mill-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li l-Artikolu 87(1) KE jimponi l-obbligu li jiġi stabbilit jekk, fil-kuntest ta' skema ġuridika partikolari, miżura nazzjonali hijiex tali li tiffavorixxi 'ċerti impriżi jew ċerti produttori' meta mqabbla ma' oħrajn, li jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex mill-imsemmija skema, f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli" ⁽²⁴⁾. Għalhekk, f'dan il-każ, għandu jiġi stabbilit jekk l-intrapriżi bil-permessi ta' estrazzjoni (attivi l-aktar fis-settur agrikolu) li kellhom il-vantaġġ ta' tnaqqis fit-taxxa skont it-Taqsima 24b kinux f'sitwazzjoni fattwali jew legali korrispondenti għall-intrapriżi li kienu kollegati ma' sistema ta' utilità pubblika, u ħallsu taxxa indiretta li ġiet ittrasferita lilhom mis-sidien tas-sistema ta' utilità pubblika li kellhom iħallsu t-taxxa kollha fit-Taqsima 24 taħt it-Taqsima 24a. Fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami, l-awtoritajiet Daniżi jirreferu speċifikament għas-sitwazzjoni fattwali u legali billi jinwokaw is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-premessa 24 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 11) li ma ssemmietx fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, iżda li tirreferi għall-istess prinċipji bħal dawk fil-premessa msemmija. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Daniżi jistqarru li t-tariffi diversi u l-bażi tat-taxxa (taxxa fuq il-volum li realment qed jiġi kkonsmat li tinġabar indirettament mill-operaturi ekonomiċi skont it-Taqsima 24a u miġbura bħala taxxa diretta fuq il-volum li għalih inħareġ permess, irrispettivament mill-konsum reali, skont it-Taqsima 24b u adattata skont it-Taqsima 24c) ifissru li l-atturi ekonomiċi li huma indirettament mitluba jħallsu t-taxxa fit-Taqsima 24a mhumiex f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli ma' dawk li huma direttament taxxabli skont it-Taqsima 24b. Bħala tali għandu jkun hemm żewġ skemi fiskali distinti (waħda skont it-Taqsima 24a u oħra skont it-Taqsimiet 24b u 24c), u s-sistema rilevanti ta' referenza biex jiġi deċiż jekk hemmx każ ta' għajnuna mill-Istat għandha tkun is-sistema fiskali fit-Taqsima 24b.
- (69) Il-Kummissjoni tistqarr li l-għan tat-taxxa kien li jinkiseb biżżejjed dħul biex jitwettaq sħarriġ dwar l-ippjanar tar-rispons għal żoni li huma importanti b'mod partikolari għall-provvista tal-ilma tax-xorb fid-Danimarka. Għalhekk l-intrapriżi kollha li jikkunsmaw l-ilma għandhom fil-prinċipju jkunu soġġetti għall-istess obbligu ta' ħlas. Bħala tali, hija s-sempliċi introduzzjoni tat-taxxa fit-Taqsima 24 li, flimkien mal-obbligu skont it-Taqsima 24a għall-intrapriżi kollegati ma' sistema ta' utilità pubblika li jħallsu t-taxxa kollha, jenħtieġ li ssawwar il-punt ewlieni ta' referenza biex jiġi ddeterminat jekk l-għajnuna mill-Istat teżistix fix-xenarji skont it-Taqsimiet 24b u 24c, irrispettivament mill-konklużjonijiet li jinġibdu dwar il-ħtieġa li jiġu applikati aktar punti ta' referenza biex tiġi eżaminata l-eżistenza potenzjali ta' għajnuna mill-Istat f'xenarju partikolari.
- (70) Fir-rigward tat-Taqsima 24b, is-selettività jenħtieġ li tiġi ddeterminata fuq żewġ livelli: l-ewwel, fil-kuntest tal-ħlas lil terz skont it-Taqsima 24b, u t-tieni, fil-kuntest tal-limitu massimu ta' taxxa mnaqqa fuq volum ta' 25 000 m³ flimkien mal-eżenzjoni għal permessi ta' massimu ta' 6 000 m³.
- (71) Kif diġà ntqal, sabiex tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat, miżura għandha tkun selettiva u tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produtturi ta' ċerti prodotti (ara l-premessa 64). Skont kif stqarrew l-awtoritajiet Daniżi (ara l-premessa 24), jenħtieġ li tingħata attenzjoni wkoll lill-possibilità il-miżura rilevanti timplikax diskriminazzjoni bejn l-intrapriżi li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali korrispondenti fid-dawl tal-għan tal-miżura, b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽²⁵⁾.

⁽²²⁾ ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1.

⁽²³⁾ Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) tat-8 ta' Novembru 2001 fil-Kawża C-143/99, *Adria-Wien Pipeline GmbH u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke GmbH vs Finanzlandesdirektion für Kärnten*, ECLI:EU:C:2001:598 (in-nota ta' qiegħ il-paġna 13), il-paragrafu 41; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-Ħames Awla) tad-29 ta' April 2004, *GIL Insurance Ltd u oħrajn vs Il-Kummissarji tad-Dwana u s-Sisa*, C-308/01, ECLI:EU:C:2004:252, il-paragrafu 68; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-3 ta' Marzu 2005 fil-Kawża C-172/03 *Wolfgang Heiser vs Finanzamt Innsbruck*, ECLI:EU:C:2005:130, il-paragrafu 40; u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Awla Manja) tas-6 ta' Settembru 2006 fil-Kawża C-88/03 *ir-Repubblika Portugiża vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, ECLI:EU:C:2006:511, il-paragrafu 54.

⁽²⁴⁾ F'dan il-kuntest ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Awla Manja) tas-6 ta' Settembru 2006 fil-Kawża C-88/03 *ir-Repubblika Portugiża vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, ECLI:EU:C:2006:511, il-paragrafu 26.

⁽²⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 23.

- (72) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tirrimarka b'mod partikolari li skont l-informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Daniżi, l-iskema fit-Taqsima 24a tikkostitwixxi tassazzjoni fuq il-konsum effettiv, filwaqt li t-taxxa fit-Taqsima 24b issejset fuq il-volum permess biex jittella' (madankollu, il-volum ta' ilma permess biex jittella' kważi qatt jintuża kompletament — ara l-informazzjoni fis-seba' paragrafu tal-premessa 27). Bl-istess mod, l-aħħar paragrafu tal-premessa 27 u t-tieni u t-tielet paragrafi tal-premessa 28 jiddikjaraw li d-differenzi f'flok (għewwa jew barra miż-żona fornuta minn sistema ta' utilità pubblika) jistgħu jeħtieġu metodi ta' provvista differenti, u li l-kwalità tal-ilma tvarja skont ix-xenarju, peress li l-ilma li huwa intaxxat fl-ewwel xenarju (it-Taqsima 24a) huwa ilma tajjeb għax-xorb, filwaqt li l-intrapriżi fit-tieni xenarju, li jkollhom iħallsu t-taxxa fuq l-ilma ta' taħt l-art bil-ħsieb li tiġi ffinanzjata l-protezzjoni tal-ilma tax-xorb (it-Taqsima 24b), jinsabu maġenb ħafna azjendi li mhumiex soġġetti għat-taxxa peress li jtellgħu l-ilma tal-wiċċ u jkollhom iħallsu huma stess l-ispejjeż tal-kontroll tal-kwalità tal-ilma u ż-żamma tas-sistemi tal-provvista tal-ilma, spejjeż inklużi f'fatturi mħallsa mill-intrapriżi fl-ewwel xenarju.
- (73) Madankollu, in-natura selettiva tal-miżura jenħtieġ li tiġi evalwata fid-dawl tal-għan li jrid jinkiseb (ara l-premessa 68 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 24), li f'dan il-każ huwa l-istharrġ u l-ippjanar tar-rispons għal żoni li huma importanti b'mod partikolari għall-provvista tal-ilma tax-xorb. Għalhekk, fid-dawl tal-għan stabbilit, jista' jiġi stabbilit li l-intrapriżi kollha għandhom ikunu soġġetti għall-istess tassazzjoni sabiex il-miżura ma titqiesx bħala selettiva (ara l-premessa 69). Għalhekk, il-Kummissjoni tista' biss tikkonkludi li t-tnaqqis fit-taxxa b'żewġ terzi skont it-Taqsima 24b hija selettiva.
- (74) L-argumenti l-oħra tal-awtoritajiet Daniżi ma jpoġġux f'dubju din il-konklużjoni: b'mod speċifiku, l-argument fil-premessa 26 dwar id-differenza fl-għadd ta' sidien ta' sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma u sidien ta' sistemi privati ta' provvista tal-ilma mhux biżżejjed fih innifsu biex jiġġustifika d-differenzi bejn is-sitwazzjoni legali u fattwali bejn żewġ sistemi ta' taxxa, minħabba li huma l-konsumaturi, fiż-żewġ każijiet, li jħallsu t-taxxa, jew indirettament fl-ewwel każ għaliex tkun mgħoddija fil-prezz, jew indirettament [sic] fil-każ l-ieħor. Bl-istess mod, l-argument li s-sidien ta' sistemi pubbliċi ta' provvista tal-ilma mhumiex impriżi minħabba li ma jeżerċitawx attività ekonomika (ara t-tielet u r-raba' paragrafi tal-premessa 27) lanqas mhu applikabbli, peress li l-awtoritajiet Daniżi nfushom jisħqu li attività ekonomika hija ddefinita bħala waħda li toffri oġġetti jew servizzi, u li l-estrazzjoni u l-provvista tal-ilma tabilħaqq jikkostitwixxu l-offerta ta' servizz, jiġifieri huma attività ekonomika, u għaldaqstant ma għandha tingħata l-ebda attenzjoni lid-differenzi fis-sitwazzjoni fattwali u legali bejn sidien ta' sistemi pubbliċi ta' estrazzjoni tal-ilma u sidien ta' sistemi privati ta' estrazzjoni, iżda pjuttost bejn l-intrapriżi li huma kollegati ma' sistema ta' utilità pubblika u l-intrapriżi attivi fl-istess settur li huma sidien tas-sistema tal-estrazzjoni tagħhom stess.
- (75) Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk il-miżura tagħtix vantaġġ ekonomiku lil ċerti intrapriżi minkejja s-selettività, jiġifieri l-applikazzjoni tagħha fuq dawk l-intrapriżi. Dwar dan, il-Kummissjoni tistqarr li l-intrapriżi li għandhom iħallsu biss terz tat-taxxa, huma intaxxati fuq il-konsum teoretiku kif indikat fil-permess ta' estrazzjoni, iżda l-intrapriżi li jħallsu t-taxxa kollha huma intaxxati abbażi tal-konsum reali tal-ilma. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li skont l-awtoritajiet Daniżi, is-sidien tas-sistemi privati kkonsumaw biss terz (34 % — ara l-premessa 34) tal-volumi tal-ilma li huma koperti mill-permess ta' estrazzjoni. Fid-dawl ta' dan il-fatt, il-Kummissjoni tqis li t-tnaqqis b'żewġ terzi fit-taxxa jservi biex jikkompensa l-effetti tad-differenza bejn it-tassazzjoni tal-konsum reali u t-tassazzjoni abbażi tal-volum imniżżel fil-permess ta' estrazzjoni. Barra minn hekk, mingħajr dan it-tnaqqis, l-ammont miġbur ikun qabeż b'ħafna l-ħtiġijiet tal-finanzjament marbuta mal-istharrġ u l-ippjanar tar-rispons għal żoni li huma importanti b'mod partikolari għall-provvista tal-ilma tax-xorb. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tnaqqis fit-taxxa b'żewġ terzi skont it-Taqsima 24b ma jikkostitwix vantaġġ ekonomiku għall-intrapriżi kkonċernati, u għalhekk ma jikkostitwix għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.
- (76) Għalhekk issa għandu jiġi stabbilit jekk ix-xenarju skont it-Taqsima 24b fihx element ta' għajjnuna fil-kuntest tal-istabbiliment tal-limitu massimu ta' taxxa mnaqqsa fuq volum ta' 25 000 m³ u fil-kuntest tal-eżenzjoni għal permessi għal massimu ta' 6 000 m³.

Il-limitu massimu tat-taxxa fuq 25 000 m³

- (77) Fir-rigward tal-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat fil-kuntest ta' limitu massimu ta' taxxa fuq 25 000 m², l-awtoritajiet Daniżi ma jistgħux jinwokaw id-differenzi bejn is-sitwazzjoni legali u fattwali tal-intrapriżi, peress li l-intrapriżi b'permess ta' estrazzjoni ta' iktar minn 25 000 m², li għandhom il-vantaġġ tal-limitu massimu, huma soġġetti għall-istess sistema ta' referenza bħall-intrapriżi b'permess ta' estrazzjoni ta' massimu ta' 25 000 m³ (ħlas li jammonta għal terz tat-taxxa fit-Taqsima 24) u li jinsabu fl-istess żona. Barra minn hekk, l-argument tal-awtoritajiet Daniżi — li l-bażi tal-analiżi ta' kemm hemm vantaġġ għandha tkun l-intrapriżi li jħallsu t-taxxi fuq volum ta' mhux aktar minn 25 000 m³ flok dawk li għandhom permess ta' estrazzjoni għal aktar minn

25 000 m³ iżda li esklużivament iħallsu taxxa oġhla minn 25 000 m³ — ma jistax jiġi aċċettat billi l-premessa 18 tiddikjara b'mod ċar li n-norma fit-Taqsima 24b tindika li kulħadd iħallas terz tat-taxxa fit-Taqsima 24, u li l-istabbiliment ta' limitu massimu ta' 25 000 m³ jikkostitwixxi "lex specialis", li de facto tidderoga mill-prinċipju tal-ħlas ta' terz tat-taxxa (billi iżjed ma jkun kbir il-volum tal-ilma li jista' jittella', aktar it-taxxa tonqos purament b'mod proporzjonali). Bħala tali, din l-eċċezzjoni timponi fuq l-iskema selettività immedjata, u tagħti vantaġġ lill-intrapriżi b'permess ta' estrazzjoni għal aktar minn 25 000 m³ meta mqabbla mal-intrapriżi b'permess ta' estrazzjoni għal massimu ta' 25 000 m³ anki jekk l-intrapriżi kollha soġġetti għat-Taqsima 24b ikunu fl-istess sitwazzjoni fattwali u legali, peress li dawn kollha jkollhom permessi li jużaw sistema privata ta' estrazzjoni tal-ilma u huma soġġetti għall-istess taxxa qabel l-applikazzjoni tal-limitu massimu.

- (78) Għalhekk, jenħtieġ li tingħata aktar kunsiderazzjoni lill-argument tal-awtoritajiet Daniżi li l-limitu massimu jiġi ġġustifikat mil-loġika inerenti tas-sistema fiskali. Bħalissa l-ġurisprudenza rilevanti hija inkluża fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, imma fiż-żmien li nġhatat l-għajjnuna, id-dispożizzjonijiet rilevanti kienu fl-Avviż tal-Kummissjoni fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajjnuna mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tan-negozju dirett (minn hawn 'il quddiem "l-Avviż preċedenti").
- (79) Skont il-punt 23 tal-Avviż preċedenti, in-natura differenzjali ta' xi miżuri ma tfissirx bilfors li dawn għandhom jitqiesu li huma għajjnuna mill-Istat. Dan huwa spjegat f'aktar dettall fil-punt 24, li jgħid li n-natura progressiva tal-iskala tat-taxxa fuq id-dħul jew l-iskala tat-taxxa fuq il-profitteġġ hija ġġustifikata minħabba l-iskop ridistributtiv tat-taxxa. L-awtoritajiet Daniżi jiddikjaraw li l-istabbiliment tal-limitu massimu għal 25 000 m³ isegwi din il-loġika.
- (80) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din l-opinjoni. L-introduzzjoni ta' limitu massimu fuq it-taxxi fuq l-ikbar volumi assolutament ma toħloqx rata tat-taxxa oġhla għal dawk li kellhom permess biex itellgħu l-oġhla volumi ta' ilma. Għall-kuntrarju, minħabba l-limitu massimu, huma jistgħu jħallsu ammont li huwa ferm aktar baxx minn dak li kieku kienu jħallsu mingħajr limitu massimu. L-iskop ridistributtiv xi f'it jew wisq inqaleb ta' taħt fuq, anki jekk jiġi interpretat mutatis mutandis, għax fl-aħħar mill-aħħar huma dawk li għandhom permessi ta' estrazzjoni għal iktar minn 6 000 m³ u inqas minn 25 000 m³ li jħallsu proporzjonalment l-aktar. F'dan il-każ, ma hemmx skala ta' taxxa progressiva bħala tali.
- (81) Il-Kummissjoni lanqas tista' taċċetta r-referenza tal-awtoritajiet Daniżi għall-punt 27 tal-Avviż tal-Kummissjoni fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajjnuna mill-Istat għall-miżuri relatati mat-tassazzjoni tan-negozju dirett (li skonhom dispożizzjonijiet speċifiċi li ma jinkludux elementi diskrezzjonali jistgħu jiġu ġġustifikati min-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema fejn, pereżempju, iqisu r-rekwiżiti speċifiċi ta' kontabbiltà jew l-importanza tal-art f'assi li huma speċifiċi għal ċerti setturi, u bħala tali ma jikkostitwux għajjnuna mill-Istat), u għalhekk huma wkoll ma jistgħux jaċċettaw ir-referenza għall-Każ N 472/2002 ta' għajjnuna mill-Istat (ara l-aħħar paragrafu tal-premessa 34). L-ewwel nett, in-nuqqas ta' element diskrezzjonali ma jfissirx awtomatikament li m'hemmx selettività. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrimarka li l-għan tal-limitu massimu tat-taxxa fuq l-art, li jikkonċerna l-każ N 472/2002, kien li jillimita l-konsegwenzi taż-żieda ġenerali fil-valur tal-artijiet fid-Danimarka, li kieku jaffettwa l-livell tat-taxxa għall-operaturi ekonomiċi kollha fis-settur agrikolu, filwaqt li f'dan il-każ biss xi f'it mill-operaturi ekonomiċi fis-settur agrikolu (dawk li għandhom permessi ta' estrazzjoni ta' iktar minn 25 000 m³ ta' ilma) ibbenefikaw mill-miżura. Fid-dawl tal-informazzjoni t'hawn fuq, il-Kummissjoni ma temminx li l-kundizzjonijiet fil-punti 24 u 27 tal-Avviż preċedenti ġew issodisfati biżżejjed. Għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-limitu massimu tat-taxxa fit-Taqsima 24b mhux iġġustifikat bħala konsegwenza tan-natura u l-loġika inerenti tas-sistema, u li għaldasqant huwa selettiv.

Eżenzjonijiet mit-taxxa għal permessi għal mhux aktar minn 6 000 m³

- (82) Fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa kollha għad-detenturi ta' permess ta' eżenzjoni għal mhux aktar minn 6 000 m³ fis-sena, l-awtoritajiet Daniżi stess jirrikonoxxu li l-miżura hija selettiva fis-sens li tagħti vantaġġ lil ċerti intrapriżi. Madankollu, l-awtoritajiet Daniżi jisħqu fuq id-daqs insinifikanti tal-ammont li kieku kellu jitħallas fin-nuqqas ta' din l-eżenzjoni (ara l-premessa 35), u għalhekk jiġġustifikaw l-eżenzjoni għal raġunijiet ta' ġestjoni amministrattiva tal-iskema. Il-Kummissjoni tistqarr li l-ammont mhux imħallas hu modest ħafna, u tirrikonoxxi wkoll li l-ġbir ta' ammonti insinifikanti, bħalma huma l-ammonti f'dan il-każ, kieku kien jirriżulta f'piż amministrattiv sinifikanti bi spejjeż għoljin b'mod sproporzjonat (kieku kellhom jittieħdu miżuri amministrattivi fir-rigward ta' madwar 75 000 permess biex jiksbu l-ammonti individwali ta' bejn wieħed u ieħor EUR 40 fis-sena [ara l-premessa 19 u 35]). Madankollu, l-għan veru ta' sistema fiskali huwa li tagħti l-opportunità lill-Istat li

jiġġenera dħul, u mhux jaħli r-riżorsi biex fl-aħħar jispiċċa ma jiġbor l-ebda dħul jew saħansitra jirreġistra telf. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' obbligu ta' rappurtar għal permessi iżgħar, kieku kien jagħmilha neċessarja li jitwettqu inkjesti amministrattivi sħaħ li, għal darb'oħra, kieku kienu jwasslu għal spejjeż sinifikanti. Abbażi ta' dik, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li eżenzjoni sħiħa mit-taxxa fuq il-permessi ta' estrazzjoni għal massimu ta' 6 000 m³ hija ġġustifikata min-natura u l-loġika inerenti tas-sistema fiskali Daniża, u li għalhekk la tikkostitwixxi selettività u lanqas ma tikkostitwixxi għajna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Riżorsi tal-Istat, imputabbiltà għall-Istat u effett fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri fil-kuntest tal-limitu massimu tat-taxxa fuq 25 000 m³

- (83) Il-karatteristiċi l-oħra tal-eżistenza ta' għajna mill-Istat li ġew elenkati fid-deċizzjoni tal-ftuħ għadhom preżenti fil-kuntest tal-limitu massimu tat-taxxa fuq 25 000 m³. L-għajna mill-Istat hija ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat peress li l-Istat jirrinunzja għal dħul billi jstabbilixxi limitu massimu tat-taxxa li jiffavorixxi lil ċerti impriżi (dawk b'permessi ta' estrazzjoni għal aktar minn 25 000 m³) u li jista' jaffettwa l-kummerċ meta jitqies għadd minn dawn (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 20) u joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (ara n-nota f'qiegħ il-paġna 21), speċifikament minħabba li l-benefiċjarji kienu kapaċi jużaw l-ammont mhux imħallas għal skopijiet oħra marbuta mal-attività ekonomika tagħhom.
- (84) Dawn l-osservazzjonijiet, u b'mod speċifiku l-ġurisprudenza msemmija fin-nota f'qiegħ il-paġna 21, għalhekk jippreġudikaw is-sustanza tal-kummenti tal-awtoritajiet Daniżi (ara l-premessa 39).
- (85) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma tistax tirrikonoxxi l-argument tal-awtoritajiet Daniżi li l-intrapriżi fl-Istati Membri l-oħra mhumiex soġġetti għall-istess taxxa bħall-intrapriżi Daniżi, u għalhekk huwa diffiċli li wieħed jiddetermina kif dawn tal-aħħar setgħu kisbu vantaġġ kompetittiv (ara l-premessa 48). Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, "għandu jiġi osservat li, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 92(1) ⁽²⁶⁾, il-punt tat-tluq għandu neċessarjament ikun il-pożizzjoni kompetittiva eżistenti fi ħdan is-suq komuni ⁽²⁷⁾ qabel l-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni" ⁽²⁸⁾. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni għandha titqies hekk kif kienet qabel it-taxxa, u bħala tali anke qabel ma ġie introdott il-limitu massimu. F'dan il-kuntest jista' jiġi ddeterminat li s-sempliċi introduzzjoni ta' taxxa u limitu massimu (li de facto jikkorrispondu għal tnaqqis fit-taxxa u li ma kienx jeżisti qabel ma ġiet introdotta t-taxxa) kienet favur ċerti benefiċjarji li kienu eżentati milli jħallsu ammont li, minflok, setgħu jużaw biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom f'kompetizzjoni ma' operaturi ekonomiċi oħra fis-suq. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, it-Trattat fih iktar regoli dettaljati għat-tneħħija ta' distorsjonijiet li tipikament jirriżultaw minn diskrepanzi bejn is-sistemi tat-taxxa tal-Istati Membri. Hemm ir-riskju li, meta jinbidel fattur speċifiku ta' spiża fi ħdan settur ekonomiku fi Stat Membru, jitħarbat il-bilanċ (f'dan il-każ b'mod partikolari, billi jiġu f'favoriti ċerti impriżi fuq oħrajn). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-fatt li Stat Membru jipprova japprossima, b'miżuri unilaterali, il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni f'settur partikolari tal-ekonomija ma' dawk prevalenti fi Stati Membri oħra, ma jistax ineħħi l-karattru tal-miżuri inkwistjoni bħala għajna mill-Istat.
- (86) Billi ntweru li l-limitu massimu tat-taxxa jikkostitwixxi għajna mill-Istat, għandu jiġi eżaminat jekk din l-għajna mill-Istat tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

VII.2 Il-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajna mill-Istat magħmula mil-limitu massimu tat-taxxa fuq 25 000 m³

- (87) Skont l-Artikolu 107(2) u (3) tat-TFUE, ċerti miżuri jistgħu jitqiesu b'mod eċċezzjonali li huma kompatibbli mas-suq intern.
- (88) L-unika deroga li tista' tiġi invokata f'dan il-każ hija l-Artikolu 107(3)(c), li jispeċifika li l-għajna mill-Istat maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi tista' titqies bħala kompatibbli, meta tali għajna mill-Istat ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sal-punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni.

⁽²⁶⁾ Attwalment l-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

⁽²⁷⁾ Attwalment is-suq intern.

⁽²⁸⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni*, il-Kawża C-173/73, ECLI:EU:C:1974:71, il-paragrafu 17.

- (89) Sabiex tiġi applikata din id-deroga, l-għajjnuna mhux notifikata, li f'dan il-każ tikkonċerna l-ambjent fis-settur agrikolu, għandha tiġi eżaminata abbażi tar-regoli applikabbli fiż-żmien meta nġhatat l-għajjnuna ⁽²⁹⁾: f'dan il-każ, abbażi tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajjnuniet mill-Istat fis-settur agrikolu u forestali 2007–2013 ⁽³⁰⁾.
- (90) Skont il-punt 62 ta' dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni għandha teżamina l-miżuri ta' għajjnuna li ma jaqgħux taħt il-linji gwida abbażi tal-Linji gwida Komunitarji dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent ⁽³¹⁾ (EEAG).
- (91) L-għajjnuna fil-forma ta' tnaqqis mit-taxxa ambjentali jew eżenzjoni minnha, bħal dawk li qed niddiskutu f'dan il-każ, hi soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-punti 151, 154 u 155 sa 159 tal-EEAG. It-taxxi ambjentali ġew iddefiniti fil-paragrafu 70(14) tal-EEAG tal-2008 bħala "taxxa li l-bażi taxxabbli speċifika għaliha jkollha effett negattiv ċar fuq l-ambjent jew li tfittex li tintaxxa ċerti attivitajiet, prodotti jew servizzi biex l-ispejjeż ambjentali jkunu jistgħu jiġu inklużi fil-prezz tagħhom u/jew biex il-produtturi u l-konsumaturi jkunu orjentati lejn attivitajiet li jirrispettaw aħjar l-ambjent". F'dan il-każ it-taxxa taqbel mad-definizzjoni meta wieħed iqis li l-konsum tar-riżorsi tal-ilma jistgħu jirriżultaw fi problema ambjentali jekk dak il-konsum ma jiġix amministrat b'mod korrett (li, inċidentalment, hu r-raġuni għala d-dħul mit-taxxa jrid jintuża biex jiġu mistħarrġa r-riżorsi tal-ilma). Barra minn hekk, il-limitu massimu tat-taxxa qed jidher li jirriżulta fi tnaqqis tal-ammont li normalment għandu jitħallas.
- (92) Skont il-punt 151 tal-EEAG, għajjnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet mit-taxxi ambjentali ser titqies kompatibbli mas-suq intern diment li tikkontribwixxi tal-inqas b'mod indirett għal titjib fil-livell tal-ħarsien tal-ambjent u li din ma timminax l-għajjnuniet ġenerali mixtieqa mit-taxxa.
- (93) Il-Kummissjoni tista' taċċetta l-argument tal-awtoritajiet Daniżi fil-premessa 42 li l-għan tas-sistema fiskali ġenerali kien li jitjeb il-livell ta' protezzjoni ambjentali billi jiġu intaxxati b'mod iktar effettiv dawk li jużaw l-akbar volumi ta' ilma tajjeb għax-xorb, u b'hekk thegħiġhom inaqqsu l-konsum tagħhom, iżda għadha tal-fehma li bl-introduzzjoni tal-limitu massimu, it-Taqsima 24b (li hawnhekk hija rilevanti, peress li hija l-unika taqsima fl-iskema li tkopri l-element ta' għajjnuna li trid tiġi eżaminata fir-rigward tal-kompatibbiltà mas-suq intern) fiha r-riskju li timmina l-għan ġenerali tat-taxxa (li jinkiseb dħul biżżejjed għall-finanzjament tal-istharrġ tar-riżorsi tal-ilma — ara l-premessa 69) peress li l-piż tat-taxxa ma għadux jiġi impost fuq l-akbar konsumaturi, iżda pjuttost jeżenta lid-detenturi tal-akbar permessi ta' estrazzjoni milli jħallsu parti sinifikanti mit-taxxa. Peress li d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 24b issa jikkostitwixxu biss element uniku fil-mekkaniżmu kollu tat-taxxa, u fid-dawl tal-informazzjoni tal-awtoritajiet Daniżi (ara t-tielet paragrafu tal-premessa 34), li kieku ma kienx hemm limitu massimu, kien ikun hemm dħul darbejn akbar mill-ammont li t-taxxa fit-Taqsima 24b kienet maħsuba tiġġenera għall-finanzjament tal-ippjanar tar-rispons, il-Kummissjoni tqis li għalkemm il-limitu massimu strettament fih element ta' għajjnuna mill-Istat kif jidher hawn fuq, ma jimminax l-għan ġenerali tat-taxxa, u għalhekk hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-punt 151 tal-EEAG.
- (94) Skont il-punt 154, għajjnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet mit-taxxi ambjentali minbarra dawk imsemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE ⁽³²⁾ titqies li hija kompatibbli mas-suq intern għal perjodu ta' 10 snin sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fil-punti 155 sa 159 jiġu ssodisfati.
- (95) Kif indikat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-kriterju ta' perjodu ta' 10 snin mhuwiex rilevanti f'dan il-każ. It-taxxa ġiet introdotta fl-2009 u kienet maħsuba biex tinġabar sal-2017, iżda tneħħiet fil-31 ta' Diċembru 2011.
- (96) Skont il-punt 155 tal-EEAG, fl-analiżi tal-iskemi fiskali li jinkludu elementi ta' għajjnuna mill-Istat fl-għamla ta' tnaqqis fit-taxxa jew eżenzjonijiet minnha, il-Kummissjoni għandha tanalizza b'mod partikolari l-hteġa u l-proporzjonalità tal-għajjnuna u l-effetti tagħha fuq il-livell tas-setturi ekonomiċi kkonċernati.

⁽²⁹⁾ Ara l-punt 733 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea għall-għajjnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u fiż-żoni rurali 2014 sa 2020 (ĠU C 204, 1.7.2014, p. 1).

⁽³⁰⁾ ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1. Dawn ġew estiżi sat-30 ta' Ġunju 2014 bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU C 339, 20.11.2013, p. 1).

⁽³¹⁾ ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1.

⁽³²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifurma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

- (97) Il-punt 156 jispesifika li għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha togħhod fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Jenħtieġ li l-informazzjoni tinkludii, minn naħa, is-settur(i) jew il-kategoriji ta' benefiċjarji koperti mill-eżenzjonijiet jew t-naqqis u, min-naħa l-oħra, is-sitwazzjoni tal-benefiċjarji ewlenin f'kull settur ikkonċernat u kif it-tassazzjoni tista' tikkontribwixxi għall-ħarsien ambjentali. Jenħtieġ li s-setturi eżentati jiġu deskritti b'mod adegwat, u jenħtieġ li tiġi pprovduta lista tal-ikbar benefiċjarji għal kull settur. Għal kull settur, jenħtieġ li tingħata informazzjoni dwar it-teknika bl-aħjar prestazzjoni fiż-ŻEE f'dak li jirrigwarda t-naqqis tal-ħsara ambjentali fil-mira tat-taxxa.
- (98) Il-Kummissjoni tiddikjara li l-biċċa l-kbira ta' dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex rilevanti fil-kuntest tal-limitu massimu f'dan il-każ. L-awtoritajiet Daniżi bagħtu informazzjoni dwar il-partijiet li jibbenefikaw mil-limitu massimu fuq il-volumi li jistgħu jittellgħu. Minn din l-informazzjoni jirriżulta li l-volum medju li għalih permess inħareġ fis-settur tal-produzzjoni primarja kien ta' madwar 35 600 m³ fl-2009, 36 300 m³ fl-2010 u 39 000 m³ fl-2011. Fis-settur tal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli l-volumi medja kienu ta' madwar 262 000 m³ fl-2009, 250 000 m³ fl-2010 u 217 000 m³ fl-2011. L-awtoritajiet Daniżi ressqu wkoll lista ta' xi wħud mill-intrapriżi tal-ipproċessar li għandhom l-akbar permess ta' estrazzjoni, iżda madankollu ma jistax jingħad awtomatikament li hu preżunt li dawn l-intrapriżi rċevew l-akbar benefiċċju minn dan il-limitu massimu peress li l-limitu massimu ma jikkonċernax il-volum li ġie kkonsmat imma l-volum li purament b'mod teoretiku seta' jiġi estratt, li jfisser li intrapriża li kkonsmat biss volumi żgħar matul is-sena huwa fil-verità improbabbli li kisbet vantaġġ kbir mil-limitu massimu jekk tħallas t-taxxi fuq il-volum li fuqu għandha permess ttella'. L-eżami tat-tekniki bl-aħjar prestazzjoni fiż-ŻEE għat-naqqis tal-ħsara ambjentali huwa wkoll irrilevanti peress li l-ftehimiet ġenerali taż-ŻEE ma japplikawx għas-settur agrikolu, u peress li dan il-każ ma jinvolvi l-introduzzjoni ta' teknoloġiji iżda stħarriġ tar-riżorsi tal-ilma bil-ħsieb ta' ġestjoni aħjar, u lanqas ma jinvolvi tnaqqis tat-tniġġis iżda estrazzjoni tal-ilma.
- (99) L-uniku kriterju fil-punt 156 li huwa rilevanti huwa l-mod li bih it-taxxa tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent.
- (100) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tistqarr li b'mod ġenerali t-taxxa tista' tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-ambjent billi tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' stħarriġ tar-riżorsi tal-ilma bil-ħsieb li jiġu ġestiti aħjar.
- (101) Barra minn hekk, għajjnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjoni mit-taxxi ambjentali għandha tkun meħtieġa u proporzjonali — ara l-punt 157 tal-EEAG.
- (102) Il-punt 158 jispesifika li l-Kummissjoni tikkunsidra l-għajjnuna bħala neċessarja jekk il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin jiġu ssodisfati:
- (a) l-għażla ta' benefiċjarji għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, u l-għajjnuna għandha tingħata fil-prinċipju bl-istess mod għall-kompetituri kollha fl-istess settur/suq rilevanti jekk ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali simili;
 - (b) it-taxxa ambjentali mingħajr tnaqqis għandha twassal għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni għal kull settur jew kategorija ta' benefiċjarji individwali;
 - (c) iż-żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni ma tistax tiġi ttrasferita lill-konsumaturi mingħajr ma twassal fi tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu stimi, fost affarijiet oħra, tal-elastiċità fil-prezzijiet tal-prodotti tas-settur ikkonċernat fis-suq ġeografiku rilevanti, kif ukoll stimi ta' bejgħ mitluf u/jew profitti mnaqqsa għall-kumpaniji fis-settur/kategorija kkonċernati.
- (103) Il-punt 159 jispesifika li l-Kummissjoni tikkunsidra l-għajjnuna bħala proporzjonali jekk tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-iskema tistipula l-kriterji li jiżguraw li kull benefiċjarju individwali jħallas proporzjon tal-livell tat-taxxa nazzjonali li hu ekwivalenti bejn wieħed u ieħor għall-prestazzjoni ambjentali ta' kull benefiċjarju individwali meta mqabbel mal-prestazzjoni relatata mat-teknika bl-aħjar prestazzjoni fiż-ŻEE. Skont l-iskema tal-għajjnuna, kwalunkwe impriża li tilħaq it-teknika bl-aħjar prestazzjoni l-aktar li tista' tibbenefika hu tnaqqis fit-taxxa li jkun jikkorrispondi għaż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni, bl-użu tat-teknika bl-aħjar prestazzjoni, u li ma jistgħux jingħaddu lill-klijenti. Kull impriża bl-aħjar prestazzjoni ambjentali tibbenefika minn tnaqqis iżgħar fi proporzjon mal-prestazzjoni ambjentali tagħha;

- (b) il-benefiċjarji tal-ghajjnuna jħallsu mill-inqas 20 % tat-taxxa nazzjonali, sakemm ma tiġix iġġustifikata rata iktar baxxa fid-dawl ta' distorsjoni limitata tal-kompetizzjoni;
- (c) it-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet jiddependu mill-konklużjonijiet tal-ftehimiet bejn l-Istat Membru u l-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi riċevituri, fejn l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi jimpenjaw ruħhom biex jilhqgħu l-għanijiet tal-ħarsien tal-ambjent li jkollhom l-istess effett daqslikielu l-punt (a) jew (b) jew il-livell minimu ta' taxxa Komunitarja kellu jiġi applikat. Dawn il-ftehimiet jew l-impenji jistgħu jkunu marbuta, fost affarijiet oħra, ma' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, ma' tnaqqis fl-emissjonijiet jew ma' kwalunkwe miżura ambjentali oħra, u għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (i) is-sustanza tal-ftehimiet għandha tiġi nnegozjata minn kull Stat Membru, u għandha tispeċifika b'mod partikolari l-miri u tistabilixxi skeda ta' żmien biex jintlaħqu dawn il-miri;
 - (ii) l-Istati Membri għandhom jassiguraw monitoraġġ indipendenti u f'waqtu tal-impenji konklużi f'dawn il-ftehimiet;
 - (iii) dawn il-ftehimiet għandhom ikunu riveduti perjodikament fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u żviluppi oħrajn, u għandhom jistipulaw arranġamenti effettivi ta' penali li jkunu applikabbli jekk l-impenji ma jintlaħqux.
- (104) Fir-rigward tal-punt 158(a) tal-EEAG, b'risposta għall-mistoqsija tal-awtoritajiet Daniżi għaliex huwa rilevanti li wieħed iħares lejn l-intrapriżi fi Stati Membri oħra, li ma għandhomx l-istess vantaġġ bħall-intrapriżi Daniżi li jħallsu inqas taxxa jew li huma eżentati minnha, il-Kummissjoni tista' tistqarr li l-istabbiliment ta' limitu massimu fuq taxxa għal fattur ta' produzzjoni agrikola (l-ilma) jagħti lill-intrapriżi li jirċievu l-benefiċċju l-possibbiltà li jevitaw il-ħlas ta' ammont li jistgħu jużaw biex jipproduċu prodotti li huma manifatturati wkoll fi Stati Membri oħra, li tista' tirriżulta f'distorsjoni tal-kompetizzjoni. Dan l-iffrankar jagħtihom il-possibbiltà li jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom, li fl-aħħar mill-aħħar jista' jaffettwa l-kummerċ fil-prodotti agrikoli li huma sinifikanti fl-UE u globalment. Id-Deċiżjoni fil-Kawża C 30/2009, li l-awtoritajiet Daniżi jsemmu (ara l-premessa 44), issegwi l-istess loġika, peress li fil-punt 35 jiġi enfasizzat li l-eżenzjoni mit-taxxa għall-prodott (is-siment) tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni fis-swieq rilevanti fejn il-prodott ikkonċernat jikkompeti ma' prodotti oħra, u tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri billi s-siment jinbiegħ kemm fl-UE kif ukoll globalment. Dawn il-kunsiderazzjonijiet, li jikkonċernaw aktar mill-qrib lill-identifikazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat milli lill-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tagħha, xorta waħda jippermettu lill-Kummissjoni li tistabilixxi li l-għażla ta' benefiċjarji hi bbażata fuq kriterju oġġettiv u trasparenti, speċifikament il-pussess ta' permess ta' estrazzjoni għal aktar minn 25 000 m³ ta' ilma, peress li dan il-kriterju japplika għad-detenturi kollha li għandhom tali permess, jiġifieri dawk li huma f'sitwazzjoni fattwali korrispondenti.
- (105) Għal dak li jirrigwarda l-punt 158(b) tal-EEAG, il-Kummissjoni tista' taċċetta l-argument tal-awtoritajiet Daniżi li ż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni b'riżultat tal-ħlas tat-taxxa sħiħa (madwar 4–7,7 % — ara l-premessa 45) fis-settur primarju jista' jitqies bħala wieħed sostanzjali fid-dawl ta' dak li, f'kawża preċedenti, diġà ġie ddefinit bħala żieda sostanzjali. Madankollu, dan ma japplikax għal-limitu massimu ta' 25 000 m³, peress li l-awtoritajiet Daniżi jammettu huma stess li l-ispejjeż tal-produzzjoni, mingħajr il-limitu massimu, kieku kienu jiżiedu biss b'1,25–2,20 %, li huwa ħafna inqas minn dak l-ammont li tqies bħala sostanzjali fil-Każ N 327/08, li qed issir referenza għalih hawnhekk. Argument ieħor li ma jistax jiġi aċċettat hu li l-kundizzjoni ta' żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni għandha titqies frabta mal-kundizzjoni ta' tnaqqis fil-bejgħ, minħabba li din iż-żieda tingħadda lill-konsumaturi. Dan ma jistax jiġi aċċettat billi l-punt 158 tal-EEAG jiddikjara b'mod ċar li l-kundizzjonijiet kollha (l-għażla ta' benefiċjarji abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni mingħajr taxxa u tnaqqis fil-bejgħ minħabba li ż-żieda tingħadda lill-konsumaturi) għandhom jiġu ssodisfati, u li l-fatt li ż-żieda ma tistax tingħadda lill-konsumaturi (ara l-argument tad-Danimarka fil-premessi 45 u 102) bl-ebda mod ma tista' tgħin biex jiġi ddeterminat jekk żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni tistax titqies bħala sostanzjali.
- (106) Fir-rigward tal-punt 158(c) tal-EEAG, il-Kummissjoni tgħid li l-awtoritajiet Daniżi ma ppreżentawx l-informazzjoni msemmija fih. Madankollu, din l-informazzjoni setgħet għenet, ħafna aktar mill-argumenti tal-awtoritajiet Daniżi, biex jiġi ddeterminat jekk it-trasferiment tal-ispejjeż tal-produzzjoni fuq il-konsumaturi fir-realtà kienx ser jirriżulta fi tnaqqis fil-bejgħ, anki jekk iż-żieda ma tkunx sostanzjali (ara hawn fuq). L-argument li l-bdiewa kienu jiġu mġiegħla jtellgħu inqas ilma li kieku huma kellhom iħallsu t-taxxa sħiħa (ara l-premessa 46) ma jistax jiġi aċċettat, peress li t-taxxa hija kkalkolata abbażi tal-konsum teoretiku (il-volum fil-permess) u mhux abbażi tal-konsum reali tal-kumpanija. L-awtoritajiet Daniżi stess josservaw li l-azjendi ma jiffissawx il-prezzijiet u, għaldaqstant, l-argument li l-produtturi primarji ma għandhomx l-għażla li jgħaddu ż-żidiet fl-ispejjeż tal-produzzjoni ma jistax jitqies bħala argument validu li juri li l-kundizzjoni fil-punt 158(c) ġiet issodisfata (żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni ma tistax tgħaddi għand il-konsumaturi mingħajr ma twassal għal tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ).

- (107) Bħala tali, huwa minnu li, fir-rigward tal-produzzjoni primarja, l-awtoritajiet Daniżi ma jistgħux juru li l-kundizzjonijiet kollha fil-punt 158 tal-EEAG ġew issodisfati, kundizzjoni meħtieġa biex l-ghajjnuna titqies neċessarja. Rigward is-settur tal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli, il-Kummissjoni diġà indikat li t-tnaqqis fit-taxxa b'żewġ terzi ma jikkostitwix għajjnuna mill-Istat, iżda hi ma tistax tistabbilixxi jekk il-limitu massimu tat-taxxa jissodisfax il-kundizzjonijiet rilevanti l-EEAG. Hawnhekk għandu jiġi enfazzat li l-premessi 90 sa 100 japplikaw bl-istess mod għall-intrapriżi li jipproċessaw prodotti agrikoli. Hemm bżonn li jiġi rrimarkat ukoll li l-awtoritajiet Daniżi stess jirrikonoxxu li ma kienx possibbli għalihom li jiddokumentaw li l-kundizzjoni meħtieġa fil-punt 158 ġiet issodisfata f'kull każ (ara l-premessa 50), u li ċ-ċifri tagħhom ma jbidlux din il-konklużjoni. Dawn iċ-ċifri (l-ekwivalenti tal-għotja tal-ghajjnuna) ma jghinix biex jiġi ddetminat jekk it-taxxa ambjentali mingħajr tnaqqis (jiġifieri, mingħajr limitu massimu) twassalx għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni tas-settur tal-ipproċessar tal-prodotti agrikoli.
- (108) Fir-rigward tal-punt 159(a) tal-EEAG, il-Kummissjoni ssib li l-kundizzjoni tat-tqabbil tat-teknika bl-aħjar prestazzjoni fiż-ŻEE għat-tnaqqis tal-ħsara ambjentali f'dan il-każ mhijiex rilevanti, peress li l-premessa 98 diġà tgħid li l-ftehimiet ġenerali taż-ŻEE ma japplikawx għas-settur agrikolu, u peress li dan il-każ ma jinvolvi l-introduzzjoni ta' teknoloġiji iżda l-istħarriġ tar-riżorsi tal-ilma bil-ħsieb li jkun hemm ġestjoni aħjar, u lanqas ma jinvolvi tnaqqis tat-tniġġis iżda estrazzjoni tal-ilma.
- (109) Fir-rigward tal-punt 159(b), il-Kummissjoni tgħid li l-awtoritajiet Daniżi stess jirrikonoxxu li xi intrapriżi jistgħu jkunu ħallsu inqas minn 20 % tat-taxxa. L-argument tal-awtoritajiet Daniżi li l-Kummissjoni għandha tiegħu kont tal-medja mhuiwix aċċettabbli, peress li l-kliem tal-punt 159(b) jiddikjara b'mod ċar li l-unika eċċezzjoni għall-kundizzjoni li titħallas ta' mill-inqas 20 % tat-taxxa hija jekk tiżviluppa biss distorsjoni limitata ta' kompetizzjoni, u l-użu tal-medja bl-ebda mod ma jista' juri li d-distorsjoni tal-kompetizzjoni minnha nfisha hija limitata.
- (110) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-punt 159(c), l-awtoritajiet Daniżi ma ppreżentaw l-ebda informazzjoni li tiddokumenta li l-ftehimiet dwar l-għanijiet tal-ħarsien tal-ambjent ġew konklużi.
- (111) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi minn 89 sa 109, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li l-kundizzjonijiet rilevanti kollha tal-EEAG ġew issodisfati, u għalhekk id-dubji espressi fid-deċizzjoni tal-ftuħ ma ġewx eliminati għalkollox.
- (112) Fir-rigward tar-referenza tal-awtoritajiet Daniżi għall-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet, fil-qafas oriġinali li hu validu mis-17 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni ħtiġilha li tawtorizza b'mod temporanju għajjnuna limitata skont l-Artikolu 87(1) (minħabba li taqbeż il-limitu massimu *de minimis*) u tiddikjara kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, sakemm il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:
- (a) l-ghajjnuna ma għandhiex taqbeż għotja ta' flus ta' EUR 500 000 għal kull impriża; iċ-ċifri kollha użati għandhom ikunu grossi, jiġifieri, qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew imposta oħra; meta tingħata l-ghajjnuna f'forma oħra li mhix għotja, l-ekwivalenti tal-għotja tal-ghajjnuna hu l-bażi għall-ammont tal-ghajjnuna;
- (b) l-ghajjnuna tingħata fil-forma ta' skema;
- (c) l-ghajjnuna tingħata lid-ditti li ma kinux f'diffikultà fl-1 ta' Lulju 2008 (fejn "impriża f'diffikultà" għall-kumpaniji kbar hija impriża kif iddefinita fil-punt 2.1 tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà ⁽³³⁾, u għall-SMEs hija impriża kif iddefinita fl-Artikolu 1(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 ⁽³⁴⁾; tista' tingħata lill-impriżi li ma kinux f'diffikultà f'dik id-data iżda li ltaqgħu ma' diffikultà wara b'riżultat tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika;
- (d) l-iskema ta' ghajjnuna ma tapplikax għal impriżi attivi fis-settur tas-sajd;
- (e) l-ghajjnuna mhix ghajjnuna għall-esportazzjoni jew ghajjnuna li tiffavorixxi prodotti domestiċi fuq dawk importati;

⁽³³⁾ ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

⁽³⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' ghajjnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3).

- (f) l-ghajjnuna tingħata mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010;
- (g) qabel ma tingħata l-ghajjnuna, l-Istat Membru jkseb dikjarazzjoni mill-impriża kkonċernata, f'forma miktuba jew elettronika, dwar kwalunkwe ghajjnuna *de minimis* u ghajjnuna oħra skont din il-miżura riċevuta matul is-sena fiskali kurrenti, u jivverifika li l-ghajjnuna mhix se tgħolli l-ammont totali ta' ghajjnuna riċevuta mill-impriża matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2010, sa livell 'il fuq mil-limitu massimu ta' EUR 500 000;
- (h) l-iskema ta' ghajjnuna ma tapplikax għal impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli kif definiti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 ⁽³⁵⁾; tista' tapplika għal impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli kif definiti fl-Artikolu 2(3) u (4) ta' dak ir-Regolament, sakemm l-ammont tal-ghajjnuna ma jkunx iffissat abbażi tal-prezz jew l-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija mill-produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati, u sakemm l-ghajjnuna ma tingħatax bil-kundizzjoni li tingħadda parzjalment jew kollha lill-produtturi primarji.
- (113) Ma' dawn il-kundizzjonijiet żdiedet kundizzjoni oħra li tgħid li l-miżuri temporanji ta' ghajjnuna ma setgħux jiġu akkumulati ma' ghajjnuna *de minimis* għall-istess spejjeż eliġibbli. Jekk intrapriża kienet diġà rċeviet ghajjnuna *de minimis* qabel id-dħul fis-seħħ tal-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet, l-għadd totali tal-ghajjnuna fi ħdan il-Qafas u l-ghajjnuna *de minimis* ma setax jaqbeż il-EUR 500 000 fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2010.
- (114) Fit-28 ta' Ottubru 2009, il-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet twessa' biex jinkludi l-produzzjoni agrikola primarja ⁽³⁶⁾. Qabel ma nġhatat l-ghajjnuna, l-Istat Membru kellu jkseb dikjarazzjoni mill-impriża kkonċernata, f'forma miktuba jew elettronika, dwar kwalunkwe ghajjnuna *de minimis* jew ghajjnuna oħra skont il-miżura rilevanti riċevuta matul is-sena fiskali, u kellu jivverifika li l-ghajjnuna ma kinitx ser iżżid l-ammont totali tal-ghajjnuna li l-impriża rċeviet matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2010 sa livell oġhla mil-limitu massimu ta' EUR 15 000. L-ghajjnuna lill-intrapriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli ma setgħetx tiġi stabbilita abbażi tal-prezz jew tal-volum tal-produzzjoni introdott fis-suq. Il-miżuri temporanji ta' ghajjnuna ma setgħux jiġu akkumulati mal-ghajjnuna *de minimis* mogħtija għall-istess spejjeż eliġibbli. Jekk intrapriża kienet diġà rċeviet ghajjnuna *de minimis* għall-produzzjoni primarja qabel id-dħul fis-seħħ tal-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet, l-ammont magħqud tal-ghajjnuna skont il-Qafas għall-produzzjoni primarja u l-ghajjnuna *de minimis* ma setax jaqbeż il-EUR 15 000 fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2010.
- (115) Il-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet, li jkopri wkoll il-produzzjoni primarja, ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2011. Sabiex ikunu eliġibbli għall-ghajjnuna, il-benefiċjarji kellhom mhux biss jissodisfaw il-premessi 112 (ħlief għall-kundizzjoni fi (h)), 113 u 114, imma wkoll kellhom iressqu applikazzjoni kompluta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 taħt l-iskema nazzjonali ta' ghajjnuna approvata mill-Kummissjoni skont il-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet (sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2011 fir-rigward tal-intrapriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja). Skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE, skema nazzjonali ta' ghajjnuna li skontha nġhatat l-ghajjnuna wara l-31 ta' Diċembru 2010 kellha tiġi nnotifikata mill-Istat Membru u approvata mill-Kummissjoni.
- (116) Abbażi tal-informazzjoni li l-awtoritajiet Daniżi ppreżentaw fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li l-kundizzjonijiet kollha tal-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet ġew issodisfati, għar-raġunijiet li ġejjin:
- (a) il-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet ma ġiex applikat għall-produzzjoni agrikola primarja bejn is-17 ta' Diċembru 2008 u t-28 ta' Ottubru 2009. Għalhekk ma jistax jiffirma l-bażi għall-kompatibbiltà tal-eżenzjoni mit-taxxa għas-settur;
- (b) l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Daniżi mhix biżżejjed biex jiġi ddeterminat jekk il-kriterju għal impriżi f'diffikultà ġiex issodisfat;
- (c) din l-informazzjoni ma tgħidx jekk ġiex issodisfat il-kriterju fl-Artikolu 107 li jirrikjedi li jinġabru dikjarazzjonijiet dwar l-ghajjnuna *de minimis* riċevuta diġà jew dwar l-ghajjnuna riċevuta fil-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet;

⁽³⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal ghajjnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠUL 358, 16.12.2006, p. 3).

⁽³⁶⁾ L-ammont massimu ta' ghajjnuna kien stabbilit għal EUR 15 000 għal kull intrapriża.

- (d) peress li m'hemmx dikjarazzjonijiet, huwa impossibbli li jiġi vverifikat jekk il-limitu massimu fil-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet ġiex irrispettat f'każijiet fejn l-ghajjnuna *de minimis* ingħatat ukoll, irrispettivament mill-eżenzjoni ta' ghajjnuna ekwivalenti, anke minħabba li l-verifika ta' jekk il-limitu massimu *de minimis* ġiex irrispettat hija wkoll dubjuża (ara l-premessa 63);
- (e) biex jirċievu ghajjnuna fil-kuntest fil-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet fl-2011, il-benefiċjarji kienu ppreżentaw, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 (jew il-31 ta' Marzu 2011 għas-settur tal-produzzjoni agrikola primarja), applikazzjoni kompluta skont l-iskema ta' ghajjnuna nazzjonali, l-applikazzjoni kellha tiġi approvata mill-Kummissjoni, u l-iskema ta' ghajjnuna kellha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u approvata minnha. L-awtoritajiet Daniżi stess jirrikonoxxu li f'dak iż-żmien dawn ma kinux għamlu użu mill-possibbiltajiet tal-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet.
- (117) Bħala tali, hemm aktar kundizzjonijiet fil-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet li ma ġewx issodisfati minn sempliċiment l-ghajjnuna mhux notifikata indikata mill-awtoritajiet Daniżi (ara l-premessa 53).
- (118) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, l-istabiliment ta' limitu massimu ta' taxa fuq volum ta' 25 000 m² ma jistax jiġi rikonoxxut bħala intitolat għal deroga mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat (li fi kwalunkwe każ kellha tkun deroga taħt l-Artikolu 107(3)(b) u mhux taħt l-Artikolu 107(3)(c), abbażi tal-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet).

L-argumenti l-oħra tal-awtoritajiet Daniżi

- (119) Il-kwistjoni tal-aspettativi leġittimi tal-benefiċjarji (ara l-premessa 58) ma taffettwax il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-limitu massimu mas-suq intern. L-awtoritajiet Daniżi għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni qabel ma jintroduċu skema ta' ghajjnuna. Il-fatt li ma hemm l-ebda taxa korrispondenti fl-Istati Membri l-oħra (ara l-premessa 58) ma jfissirx li dawk affettwati bil-limitu massimu ma rċevewx vantaġġ. F'termini assoluti, dan il-limitu massimu tahom il-possibbiltà li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom riżorsi addizzjonali biex iwettqu n-negozju tagħhom f'suq kompetittiv. L-argument li ma tressaq ebda lment dwar l-iskema bl-ebda mod ma jfisser li l-limitu massimu ma jikkostitwix ghajjnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq intern.

VIII. KONKLUŻJONI

- (120) Il-Kummissjoni tqis li t-tnaqqis fit-taxxa b'żewġ terzi (ara t-Taqsima 24b) ma jikkostitwix ghajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, peress li l-benefiċjarji ma jirċevux vantaġġ meta mqabbla ma' dawk li jħallsu t-taxxa sħiħa skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 24a, u peress li l-eżenzjoni sħiħa skont t-Taqsima 24c ma tikkostitwix ghajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE minħabba l-ġestjoni amministrattiva tal-prodott tal-iskema (l-ammonti huma wisq insinifikanti biex jiġu rkuprati).
- (121) Il-Kummissjoni ssib, mill-banda l-oħra, li l-limitu massimu fuq it-taxxa fuq volum ta' 25 000 m³ (ara t-Taqsima 24b) jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, u li d-Danimarka applikat illegalment dan il-limitu massimu bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. L-analiżi turi li l-ghajjnuna li tirriżulta mill-limitu massimu ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, peress li l-awtoritajiet Daniżi ma setgħux juru la n-neċessità u l-proporzjonalità tal-limitu massimu ta' taxa fuq 25 000 m² u lanqas it-twettiq tal-kondizzjonijiet kollha fil-Qafas Temporanju tal-Kriżijiet. Għalhekk il-Kummissjoni ma tistax tneħħi d-dubji li esprimiet fid-deċizzjoni tal-ftuħ, u għalhekk issib li l-ghajjnuna hija inkompatibbli mas-suq intern.

IX. IRKUPRU

- (122) Din il-miżura kkuntestata ġiet implimentata mingħajr ma ġiet innotifikata bil-quddiem lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Għalhekk, din tikkostitwixxi ghajjnuna illegali.
- (123) Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589, meta jittieħdu deċizzjonijiet negattivi f'każijiet ta' ghajjnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-ghajjnuna mingħand il-benefiċjarji (f'dan il-każ, dawk kollha li bbenefikaw mill-limitu massimu tat-taxxa fuq 25 000 m³).

- (124) L-awtoritajiet Daniżi ppreżentaw sensiela ta' argumenti kontra t-tweġġ ta' rkupru (ara l-premessi 55 sa 59). Il-Kummissjoni ma tistax taċċetta dawn l-argumenti.
- (125) Il-kwistjoni mhijiex jekk id-distorsjoni tal-kompetizzjoni hix minima (ara premessa 55), iżda jekk teżistix. Ladarba din tista' tkun stabbilita, id-distorsjoni se tiġi eliminata, li tfisser li s-sitwazzjoni kompetittiva se ssir l-istess bħalma kienet qabel ma nġhatat l-ġhajjnuna. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-prinċipju li l-għan tal-irkupru huwa speċifikament li jirrestawra s-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel ma nġhatat l-ġhajjnuna. Hija ddikjarat ukoll li l-irkupru huwa l-konsegwenza loġika tal-fatt li l-ġhajjnuna nstabet li hi illegali ⁽³⁷⁾, u li għalhekk l-irkupru mhuwiex sproporzjonat fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar ġhajjnuna mill-Istat ⁽³⁸⁾, għall-kuntrarju ta' dak li jsoġn l-awtoritajiet Daniżi. L-argument li ma kienx hemm vantaġġ fir-rigward tal-kompetituri (ara l-premessa 57) hu mingħajr sustanza fid-dawl tal-premessi li jikkonċernaw l-eżistenza ta' vantaġġ (il-premessa 64), kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-benefiċjarji kienu kapaċi jużaw l-ammont mhux imħallas għal skopijiet oħra (il-premessi 85 u 119). Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Daniżi ma jistgħux isostnu li l-irkupru se joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward ta' dawki li jtellgħu l-ilma tal-wiċċ. It-taxxa tapplika biss għall-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, u bħala tali ma tikkonċernax l-estrazzjoni tal-ilma tal-wiċċ.
- (126) Fir-rigward tal-kwistjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-benefiċjarji fil-premessa 58, il-Kummissjoni diġà ċaħdet l-argument tal-awtoritajiet Daniżi li l-maġġoranza kbira tal-benefiċjarji potenzjali ma kellhom ebda kapaċità reali li jantiċipaw li l-iskema setgħet tagħtihom vantaġġ mill-perspettiva ta' ġhajjnuna mill-Istat minħabba li ma hemm l-ebda taxxi korrispondenti fi Stati Membri oħra (ara l-premessa 119). Peress li l-awtoritajiet Daniżi jirreferu għall-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi, u peress li huwa marbut mill-qrib mal-legalità tal-ġhajjnuna, il-Kummissjoni tfakkar li skont il-ġurisprudenza aċċettata, fil-prinċipju l-benefiċjarji jista' biss ikollhom aspettattivi leġittimi dwar il-legalità tal-ġhajjnuna, jekk din tingħata skont il-proċedura fl-Artikolu 88 tat-TUE (attwalment l-Artikolu 108 tat-TFUE), u operatur ekonomiku kuxjenzjuż normalment għandu jkun jista' jassumi li l-proċedura ddikjarata għet osservata. Jekk l-ġhajjnuna tingħata mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni, "... b'tali mod li hija illegali skont l-Artikolu 88(3) KE, il-benefiċjarju tal-ġhajjnuna ma jistax ikollu, f'dak il-mument, aspettattivi leġittimi fil-legalità tal-ġhoti tagħha" ⁽³⁹⁾.
- (127) Għalhekk, irrispettivament mill-kummenti tad-Danimarka, għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tirkupra l-ġhajjnuna inkompatibbli mingħand il-benefiċjarji. Dan il-każ jikkonċerna d-differenza bejn l-ammont li kellu jitħallas f'taxxi abbażi tal-volum li għalih ingħata permess u l-ammont li tħallas fuq volum ta' 25 000 m³.
- (128) Skont il-paragrafu 42 tal-Avviż mill-Kummissjoni — Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata ġhajjnuna mill-Istat inkompatibbli li nġhatat kontra l-liġi ⁽⁴⁰⁾, id-Danimarka għandha erba' xhur mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni sabiex twettaq dan. L-interessi jridu jitħallsu fuq l-ammont li jrid tiġi rkuprat (ara r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004) ⁽⁴¹⁾.
- (129) Din id-Deċiżjoni trid tiġi implimentata minnufih, ħlief għall-ġhajjnuna li, fiż-żmien meta nġhatat, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha fir-regolament *de minimis* applikabbli (ara l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 ⁽⁴²⁾),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tnaqqis b'żewġ terzi tat-taxxa li għet introdotta bit-Taqsima 24 tal-Att ta' Konsolidament Nru 935 tal-24 ta' Settembru 2009 (ara t-Taqsima 24b) ma jikkostitwix ġhajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁽³⁷⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-10 ta' Ġunju 1993 fil-Kawża C-183/91, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika*, ECLI:EU:C:1993:233, il-paragrafu 16.

⁽³⁸⁾ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' April 1995 fil-Kawża C-348/93, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana*, ECLI:EU:C:1995:95, il-paragrafu 27.

⁽³⁹⁾ Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla Estiża) tad-22 ta' April 2016 fil-Kawża magħquda T-50/06 RENV II u T-69/06 RENV II, *L-Irlanda u Aughinish Alumina Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea*, ECLI:EU:T:2016:227, il-paragrafu 230.

⁽⁴⁰⁾ ĠU C 272, 15.11.2007, p. 4.

⁽⁴¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabblixi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

⁽⁴²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċertu kategoriji ta' ġhajjnuna mill-Istat orizzontali i (ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1).

Artikolu 2

Il-limitu massimu abbażi tal-kalkolu tat-taxxa għal 25 000 m³ ta' ilma (ara t-Taqsima 24b tal-Att ta' Konsolidament Nru 935 tas-24 ta' Settembru 2009) jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

L-għajjnuna li ġejja mill-eżenzjoni mit-taxxa skont it-Taqsima 24c tal-Att ta' Konsolidament Nru 935 tal-24 ta' Settembru 2009 għall-permessi ta' estrazzjoni għal volum massimu ta' 6 000 m³ ma tikkostitwix għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

L-għajjnuna li tirriżulta mil-limitu massimu abbażi tal-kalkolu tat-taxxa għal 25 000 m² ta' ilma (ara t-Taqsima 24b tal-Att ta' Konsolidament Nru 935 tal-24 ta' Settembru 2009) ġiet introdotta illegalment mid-Danimarka bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u hija għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 5

L-għajjnuna li tirriżulta mil-limitu massimu abbażi tal-kalkolu tat-taxxa għal 25 000 m³ ta' ilma (ara t-Taqsima 24b tal-Att ta' Konsolidament Nru 935 tal-24 ta' Settembru 2009) ma tikkostitwix għajjnuna mill-Istat jekk, fiż-żmien li ngħatat, issodisfat il-kondizzjonijiet tar-Regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 li ġie applikat fiż-żmien meta ngħatat l-għajjnuna.

Artikolu 6

1. Id-Danimarka għandha tirkupra l-għajjnuna msemmija fl-Artikolu 4 mingħand il-benefiċjarju.
2. Is-somom li jridu jiġu rkuprati għandhom jinkludu l-imgħax mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sal-irkupru attwali tagħhom.
3. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004.

Artikolu 7

L-irkupru tal-għajjnuna msemmija fl-Artikolu 4 għandu jkun immedjat u effettiv.

Id-Danimarka għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur wara d-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 8

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, id-Danimarka għandha tressaq l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-lista ta' benefiċjarji li rċevew l-għajjnuna msemmija fl-Artikolu 4 u l-ammont totali ta' għajjnuna riċevuta minn kull wieħed minnhom;
 - (b) l-ammont totali (il-kapital u l-imgħax) li jrid jiġi rkuprat mingħand kull benefiċjarju li rċieva l-għajjnuna li ma tistax tiġi rkuprata bir-regola *de minimis*;
 - (c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex is-sitwazzjoni ssir konformi ma' din id-Deċiżjoni;
 - (d) dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajjnuna.

2. Id-Danimarka għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali li jkunu ttieħdu biex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni sakemm l-irkupru tal-ghajjnuna msemmija fl-Artikolu 4 jkun tlesta. Fuq talba tal-Kummissjoni, id-Danimarka għandha tressaq minnufih informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati sabiex tkun konformi ma' din id-deċiżjoni. Id-Danimarka għandha ttipprovi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' ghajjnuna u l-imgħax diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarji.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

RETTIFIKA

**Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/726 tat-2 ta' Mejju 2018
dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niġer)
(EUCAP Sahel Niġer/1/2018)**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 122 tas-17 ta' Mejju 2018)

Fil-paġna 33, l-Artikolu 2,

minflok: "Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.",

aqra: "Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2018."

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT